



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.9.2020
COM(2020) 611 final

2016/0224 (COD)

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar
id-Direttiva 2013/32/UE**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Kuntest u raġunijiet għall-proposta

F'Settembru 2019, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, ħabbret Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, li jinvolti approċċ komprensiv lejn il-fruntieri esterni, is-sistemi tal-ażil u r-ritorn, iż-żona Schengen tal-moviment liberu u d-dimensjoni esterna.

Il-Komunikazzjoni dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ippreżentata flimkien ma' sett ta' proposti leġiżlattivi, inkluż din il-proposta li temenda l-proposta tal-2016 għal riformulazzjoni tar-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil, tirrappreżenta bidu ġdid dwar il-migrazzjoni. L-għan huwa li jiġi stabbilit qafas wiesa' bbażat fuq approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, filwaqt li ssir promozzjoni tal-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri. Abbażi tal-prinċipji ġenerali tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, il-Patt il-ġdid iħeġġeġ tfassil integrat tal-politika, billi jgħaqqad flimkien il-politiki fl-oqsma tal-ażil, il-migrazzjoni, ir-ritorn, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni u r-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi ewlenin.

L-isfidi tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, inklużi dawk relatati mal-wasliet irregolari u mar-ritorn, ma għandhomx ikollhom jiġu indirizzati mill-Istati Membri individwali waħedhom, iżda mill-UE kollha kemm hi. Jenħtieġ qafas Ewropew li jista' jimmaniġġa l-interdipendenza bejn il-politiki u d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri. Dan il-qafas għandu jqis ir-realtajiet tal-migrazzjoni li dejjem qed jinbidlu, u dan fisser żieda fil-kumplessità u ħtieġa intensifikata għall-koordinazzjoni. Għalkemm l-għadd ta' wasliet irregolari lejn l-Unjoni naqas b'mod drammatiku bi 92 % mill-2015, għad hemm numru ta' sfidi strutturali li jpoġġu taħt pressjoni s-sistemi tal-ażil, tal-akkoljenza u tar-ritorn tal-Istati Membri. Dawn jinkludu proporzjon dejjem akbar ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li aktarx ma jirċevux protezzjoni fl-UE, li jikkawża żieda fil-piż amministrattiv u dewmien fl-għoti ta' protezzjoni lil dawk li jkollhom bżonn ġenwin ta' protezzjoni kif ukoll fenomenu persistenti ta' moviment 'il quddiem ta' migranti fi ħdan l-UE. Barra minn hekk, l-isfidi għall-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jiżguraw is-sikurezza tal-applikanti kif ukoll tal-persunal tagħhom meta jaffaċċjaw il-kriżi COVID-19 għandhom jiġu rikonoxxuti wkoll.

Filwaqt li l-għadd jew il-wasliet irregolari naqsu mill-2015, is-sehem tal-migranti li jaslu minn pajjiżi b'rati ta' rikonoxximent ta' anqas minn 20 % żdied minn 13 % fl-2015 għal 55 % fl-2018. Fl-istess waqt, kien hemm ukoll sehem dejjem akbar ta' każi kumplessi, li jikkunsmaw aktar riżorsi biex jiġu pproċessati, peress li l-wasla ta' ċittadini minn pajjiżi terzi bi ħtiġijiet ċari ta' protezzjoni internazzjonali fl-2015-2016 ġiet parzjalment sostitwita minn wasliet imħallta ta' persuni b'rati ta' rikonoxximent aktar diverġenti. Barra minn hekk, minkejja tnaqqis mal-UE kollha fil-wasliet irregolari, l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali kompli jiżdied, tant li laħaq differenza ta' erba' darbiet iżjed fl-għadd tal-wasliet. Din ix-xejra tissuġġerixxi l-preżenza ta' applikanti li ma japplikawx fl-ewwel Stat Membru tal-wasla, applikazzjonijiet multipli għall-protezzjoni internazzjonali fl-UE u l-ħtieġa għal riforma fis-sistema attwali ta' Dublin. Fl-aħħar nett, fl-2019, nofs il-wasliet irregolari kollha bil-baħar ġew żbarkati wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ li jpoġġu pressjoni partikolari fuq ċerti Stati Membri, unikament kaġun tal-pożizzjoni ġeografika tagħhom.

Iż-żieda fil-proporzjon ta' applikanti għall-ażil li aktarx ma jirċevux protezzjoni internazzjonali fl-UE twassal għal piż akbar mhux biss fir-rigward tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil b'mod ġenerali iżda wkoll fir-rigward tar-ritorn ta' daww il-migranti li ma jeħtiġux protezzjoni internazzjonali. Medja ta' 370 000 ċittadin minn pajjiż terz kull sena jaraw l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali miċħuda, u dawn jenħtieġ jiġu indirizzati lejn il-proċedura tar-ritorn, li tirrappreżenta madwar 80 % tal-għadd totali ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa kull sena. Għalhekk hemm bżonn ta' rabta bla xkiel bejn il-proċeduri tal-ażil u r-ritorn biex tiżdied l-effiċjenza u l-koerenza ġenerali tas-sistema tal-ażil u l-migrazzjoni. Il-migranti irregolari li ma jkollhom ebda ħtieġa ta' protezzjoni jew ebda intenzjoni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu indirizzati malajr fil-proċedura tar-ritorn. Jenħtieġ li jiġu indirizzati l-lakuni proċedurali eżistenti, bħall-ħruġ ta' deċiżjonijiet tal-ażil u tar-ritorn f'atti separati u dewmien fil-ħruġ tad-deċiżjoni tar-ritorn, rimedji separati, u applikanti li jdewmu l-proċeduri bl-iskop uniku li jippruvaw ifixxlu r-ritorn tagħhom mill-Unjoni, jużaw ħażin il-protezzjoni pprovduta mis-sistema tal-ażil, u l-possibbiltà li l-applikanti jitħallew jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri matul it-tieni appell jew livelli ogħla ta' appell.

Huwa daqstant ieħor importanti li ssir hídma lejn sistema tar-ritorn aktar Ewropea. Fl-2018, il-Kummissjoni ressqet proposta għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn sabieħ ittejjeb il-ġestjoni u l-effettività tar-ritorn. Dik il-proposta għandha l-għan li tipprevjeni u tnaqqas il-ħrib u l-movimenti mhux awtorizzati, issaħħaħ ir-rabtiet mal-proċeduri tal-ażil, issaħħaħ l-użu ta' programmi tar-ritorn volontarju assistit u ttejjeb il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni bl-appoġġ ta' sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-każi. Lil hinn mill-kwistjonijiet proċedurali koperti minn din il-proposta għal Regolament u l-proposta għal Direttiva riformulata dwar ir-Ritorn, sistema aktar Ewropea tar-ritorn teħtieġ l-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, bi Frontex bħala l-fergħa operattiva tal-UE fir-ritorn, għodda operattiva komprensiva biex ittejjeb il-ġestjoni tal-każi fir-ritorn, strateġija tar-ritorn u r-rintegrazzjoni sostenibbli, hídma flimkien ma' pajjiżi terzi dwar ir-riammissjoni, u kooperazzjoni strutturata ta' livell għoli mmexxija minn koordinatur tar-ritorn tal-UE.

Bl-istess mod, is-sistema attwali ta' ġestjoni tal-migrazzjoni tkompli tpoġġi piż kbir fuq l-Istati Membri tal-ewwel wasla kif ukoll fuq is-sistemi tal-ażil ta' Stati Membri oħra permezz ta' moviment mhux awtorizzat. Is-sistema attwali mhijiex effettiva biżżejjed biex tindirizza dawn ir-realtajiet. B'mod partikolari, bħalissa fis-seħħ ma hemm ebda mekkaniżmu ta' solidarjetà effettiv u ebda regola ċara li tiskuraġġixxi u tindirizza movimenti mhux awtorizzati.

Il-Patt il-Ġdid jibni fuq il-proposti tal-Kummissjoni għar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil mill-2016 u l-2018 kif ukoll iżid elementi ġodda addizzjonali biex jiżgura l-bilanċ meħtieġ għal qafas komuni li jgħaqqad l-aspetti kollha tal-politika tal-ażil u l-migrazzjoni.

Din il-proposta li temenda l-proposta tal-2016 għal Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil¹, flimkien ma' proposta ġdida għal Regolament dwar il-ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, il-proposta li tintroduċi skrinjar², il-proposta li temenda l-proposta Eurodac, u l-proposta li

¹ ĠU L [...], [...], p. [...].

² COM(2020)xxx, XX.09.2020, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda b'rabta ma' qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri esterni, żbarkat wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ jew li jitolbu protezzjoni

tistabbilixxi proċeduri u mekkaniżmi li jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' kriżi flimkien tistabbilixxi l-qafas leġislativ li jpoġġi fil-prattika dan l-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ażil.

Flimkien mal-proposta għal Regolament li jintroduċi l-iskrinjar, huwa jiżgura rabta bla xkiel bejn l-istadji kollha tal-proċedura tal-migrazzjoni, minn fażi għalidha ta' qabel id-dħul għall-eżitu ta' applikazzjoni għall-ażil, jiġifieri jew l-integrazzjoni ta' daww rikonossuti li għandhom bżonn il-protezzjoni jew ir-ritorn tal-applikanti mingħajr id-dritt li jibqgħu fl-Unjoni. Il-fażi ta' qabel id-dħul tinkludi skrinjar li jikkonsisti f'kontrolli tal-identità, tas-saħħa u tas-sigurtà mal-wasla, bil-ħsieb li l-proċedura għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jew il-proċedura tar-ritorn jew ir-rifjut tad-dħul issir malajr.

Il-proposta li temenda l-proposta tal-2016 għal Regolament Eurodac riformulat tistabbilixxi rabta ċara u konsistenti bejn individwi speċifiċi u l-proċeduri li huma soġġetti għalihom sabiex tassisti aħjar fil-kontroll tal-migrazzjoni irregolari u s-sejbien ta' movimenti mhux awtorizzati. Hija tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu għdid ta' solidarjetà stabbilit mir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, tipprovdi l-emendi konsegwenzjali meħtieġa li jippermettu li Eurodac jiffunzjona fil-qafas tal-interoperabbiltà, u se tappoġġa lill-Istati Membri fil-monitoraġġ tal-ġoti ta' assistenza għar-ritorn volontarju u r-reintegrazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qed tippreżenta, flimkien ma' dawn il-proposti, proposta għal Regolament dwar il-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi sabiex jiġu stabbiliti l-għodod meħtieġa biex tiġi indirizzata l-kriżi. Dan l-istrument ta' kriżi jkopri sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' influw bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslub'mod irregolari fi Stat Membru li jkun ta' tali skala u natura li jrendi s-sistema tal-ażil, akkoljenza jew ritorn ta' Stat Membru mhux funzjonali, kif ukoll sitwazzjonijiet fejn ikun hemm riskju imminenti ta' tali wasliet, li jirriskjaw li jkollhom konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil s-sistema tal-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-Unjoni, jew jirriżultaw fl-impossibilità tal-applikazzjoni tagħhom. Ir-Regolament jistabbilixxi proċeduri biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil fl-UE, jistabbilixxi derogi possibbli mill-acquis applikabbli tal-UE dwar l-ażil u r-ritorn u jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-applikazzjoni, f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit fir-Regolament dwar il-ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni.

Ir-riforma għandha l-għan li tindirizza l-fatt li, minkejja żieda sinifikanti fil-kooperazzjoni fil-livell tal-UE, inkluż fir-rigward tal-appoġġ mill-aġenziji tal-UE, is-sistemi tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn tal-Istati Membri għandhom fil-biċċa l-kbira mhux armonizzati. Dan joħloq ineffiċjenzi u għandu l-konsegwenza mhux intenzjonata li ma jkunx ipprovdut l-istess trattament għal lil daww li jfittxu l-ażil madwar l-Ewropa u għalhekk jincientiva l-moviment ta' għadd kbir ta' migranti madwar l-Ewropa biex ifittxu l-aħjar kundizzjonijiet u prospettivi għas-sogħorn tagħhom. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tappoġġa l-ftehimiet politiċi provviżorji li diġà ntlaħqu dwar ir-Regolament dwar il-Kwalifiki, id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, ir-Regolament Qafas tal-UE dwar ir-Risistemazzjoni u r-Regolament tal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil. Dawn il-proposti jridu jiġu finalment adottati malajr kemm jista' jkun. In-negozjati dwar id-Direttiva dwar ir-ritorn għandhom jiġu konklużi malajr, flimkien

internazzjonali f'punti ta' qsim tal-fruntiera u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/817, ir-Regolament (UE) Nru 2019/818, ir-Regolament (UE) Nru 2017/2226, ir-Regolament (UE) Nru 2018/1240, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 u r-Regolament (KE) Nru 2019/816

mar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-UE jirnexxu fil-prevenzjoni tal-ħarba, fl-għoti ta' assistenza għar-ritorn volontarju u fl-issimplifikar tal-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji, b'mod li jissaħħa il-funzjonament effettiv tas-sistema tal-migrazzjoni u l-ażil.

- **L-oġġettivi tal-proposta**

L-oġġettivi tal-proposta tal-2016 għal Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil għadhom rilevanti u jenħtieġ li jiġu segwiti. Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni tal-ażil, li tissostitwixxi d-diversi proċeduri diverġenti fl-Istati Membri u li tkun applikabbli għall-applikazzjonijiet kollha magħmula fl-Istati Membri. Sabiex jiġi żgurat proċess effettiv u ta' kwalità għolja ta' teħid ta' deċizzjonijiet, huwa wkoll meħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri aktar sempliċi, aktar ċari u iqsar flimkien ma' salvagwardji u għodod proċedurali adegwati biex jirrispondu għal abbużi tal-proċeduri tal-ażil u biex jipprevjenu movimenti mhux awtorizzati. Dan se jwassal għal użu aktar effiċjenti tar-riżorsi li jtejbju d-drittijiet tal-applikanti, jippermetti lil dawk fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali biex jirċevuha aktar malajr u jiżgura r-ritorn rapidu ta' applikanti rifjutati mingħajr id-dritt li jibqgħu fl-Unjoni.

Il-garanziji proċedurali għall-applikanti għandhom jiġu salvagwardjati b'mod partikolari b'mod li jiġi żgurat id-dritt tagħhom li jiġu infurmati bid-drittijiet, l-obbligi tagħhom u bil-konsegwenzi li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom, kif ukoll bid-dritt li jinstemgħu f'intervista personali, interpretazzjoni, assistenza legali u rappreżentanza mingħajr ħlas. Dawn l-elementi essenzjali kollha għal proċedura tal-ażil ġusta, li huma parti mill-proposta tal-Kummissjoni tal-2016, jibqgħu validi u jenħtieġ jiġu miftiehma mill-koleġiżlaturi.

Barra minn hekk, huma meħtieġa wkoll regoli simplifikati u armonizzati relatati ma' pajjiżi tal-oriġini bla periklu u pajjiżi terzi bla periklu. L-EASO jista' jappoġġa lill-koleġiżlaturi b'analisi sabiex ikollhom informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni attwali fil-pajjiżi rilevanti.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni ma tqisx li huwa meħtieġ li tagħmel emendi estensivi għall-proposta tal-2016 li dwarha l-koleġiżlaturi diġà għamlu progress sinifikanti. Madankollu, in-negozjati s'issa ma ppermettewx li jintlaħaq ftehim bejn l-Istati Membri dwar il-kundizzjonijiet għall-użu tal-proċedura tal-fruntiera, u sa liema punt dan għandu jkun obligu għall-Istati Membri. Din il-kwistjoni ġiet immarkata bħala element ewlieni ta' compromess ġenerali dwar il-pakkett ta' proposti b'mod ġenerali mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fil-konsultazzjonijiet. Barra minn hekk, ħafna Stati Membri enfasizzaw l-isfidi li jirriżultaw minn applikazzjonijiet sussegwenti minn persuni li ma jeħtiġux protezzjoni internazzjonali u minn proċeduri ta' appell ineffettivi, iż-żewġ kwistjonijiet li jfixklu serjament l-isforzi tar-ritorn. Din il-proposta għalhekk tagħmel emendi mmirati għall-proposta tal-2016 biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi speċifiċi li se jgħaddaw l-oġġettivi u jistabbilixxu, flimkien mal-proposta għal Regolament li jintroduċi skrinjar, rabta bla xkiel bejn l-istadji kollha tal-proċess tal-migrazzjoni, mill-wasla għall-ipproċessar tat-talbiet għall-ażil u, fejn applikabbli, ir-ritorn.

Il-pressjoni miżjudha li tirriżulta minn wasliet ta' migranti b'opportunitajiet baxxi li jirċievu protezzjoni jenħtieġ li tiġi indirizzata permezz ta' għodod ġodda għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, inkluż proċeduri aktar armonizzati, b'mod partikolari fil-fruntiera esterna. Għal dan il-għan, qed tiġi stabbilita fażi ta' qabel id-dħul li tikkonsisti fi skrinjar u proċedura tal-fruntiera għall-ażil u r-ritorn. Matul l-iskrinjar, il-migranti se jiġu rreġistrati u eżaminati biex jiġu stabbiliti riskji ta' identità u saħħa u sigurtà. Il-migranti mbaġħad jiġu riferuti għall-proċedura x-xierqa, kemm jekk tkun dik tal-ażil, kif ukoll jekk tkun dik taċ-ċaħda tad-dħul jew dik tar-ritorn. Fl-aħħar nett, se jiġi determinat jekk applikazzjoni għall-ażil għandhiex tiġi evalwata mingħajr ma jiġi awtorizzat id-dħul tal-applikant fit-territorju tal-Istat Membru fi

proċedura tal-fruntiera tal-ażil jew fi proċedura normali tal-ażil. Fejn tintuża proċedura tal-fruntiera tal-ażil u tiddetermina li l-individwu ma jkunx fil-bżonn ta' protezzjoni, għandha ssegwi proċedura tal-fruntiera tar-ritorn.

L-għan tal-proċedura konġunta fuq il-fruntiera tal-ażil u tar-ritorn huwa li jiġu vvalutati malajr talbiet abbużivi għall-ażil jew talbiet għall-ażil magħmula fil-fruntiera esterna minn applikanti li ġejjin minn pajjiżi terzi b'rata baxxa ta' rikonoxximent sabiex daww mingħajr dritt li jibqgħu fl-Unjoni jiġu rritornati malajr. Il-proċedura konġunta fuq il-fruntiera tal-ażil u tar-ritorn hija għodda importanti għall-ġestjoni tal-migrazzjoni biex jiġi evitat kemm id-dħul mhux awtorizzat kif ukoll il-movimenti mhux awtorizzati, b'mod partikolari peress li l-flussi mħallta jinkludu sehem sinifikanti ta' applikanti għall-ażil li jiġu minn pajjiżi b'rata baxxa ta' rikonoxximent. Fl-istess ħin, biex taqdi l-għan tagħha, jenhtiegħ li tkun tista' tiġi implimentata faċilment u tipprovdi l-flessibbiltà meħtieġa lill-Istati Membri biex iwettquha b'mod effettiv, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali.

Fl-istess ħin, l-użu tal-proċedura tal-fruntiera jkun ta' benefiċċju għas-sistema tal-ażil b'mod ġenerali, peress li ġestjoni aħjar ta' talbiet tal-ażil abbużivi u inammissibbli fil-fruntiera tkun ta' benefiċċju għat-trattament effiċjenti ta' każijiet interni ġenwini.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

Din il-proposta hija għal kollox konsistenti mal-inizjattivi li jakkumpanjaw il-Patt, b'mod partikolari l-proposta għal Regolament dwar il-ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, il-proposta għal Regolament li jintroduċi skrinjar u l-proposta emendata għal Regolament Eurodac riformulat.

Hija żgurata rabta mill-qrib bejn din il-proposta u l-proposta għal Regolament li jintroduċi skrinjar. Wara dan l-iskrinjar, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu riferuti jew għal proċeduri tal-ażil jew tar-ritorn u, fejn rilevanti, għal proċedura fuq il-fruntiera. Fiż-żewġ każijiet, l-informazzjoni miġbura matul l-iskrinjar għandha titqies meta tiġi eżaminata l-applikazzjoni għall-ażil jew it-tnedija ta' proċeduri tar-ritorn.

Il-proposta hija konsistenti wkoll mal-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn, u tikkomplimenta din il-proposta, li diġà ppreżentat miżuri speċifiċi mmirati lejha rabta aħjar bejn il-proċeduri tal-ażil u r-ritorn, b'mod partikolari rigward il-ħruġ ta' deċiżjoni tar-ritorn wara t-tmiem ta' soġġorn legali, l-appelli kontra deċiżjoni tar-ritorn wara deċiżjoni finali li tirrifjuta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u proċedura tar-ritorn fuq il-fruntiera. Id-dispożizzjonijiet inklużi f'din il-proposta għal Regolament isaħħu r-rabta bla xkiel bejn il-proċeduri tal-ażil u r-ritorn, jagħlqu l-lakuni eżistenti u jkomplu jnaqqsu l-possibbiltajiet ta' abbuż mis-sistema tal-ażil. Bħala riżultat ta' daww l-emendi proposti, in-negozjar tal-proċedura tal-fruntiera tar-ritorn għandu jsir fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

Fir-rigward tal-proposta għal Regolament dwar il-ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, din il-proposta, flimkien mal-proposta għal Regolament li jintroduċi skrinjar, tiżgura li l-migranti li jidħlu fil-faċi ta' qabel id-dħul ikunu jistgħu, fi kwalunkwe stadju, ikunu soġġetti għal rilokazzjoni jew sponsorizzazzjoni tar-ritorn bħala parti mill-mekkaniżmu l-ġdid għas-solidarjetà, jew, fejn applikabbli, jiġu trasferiti lill-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali abbażi tal-kriterji oġġettivi stabbiliti fil-leġislazzjoni. Tiżgura wkoll li, wara tali rilokazzjoni jew trasferiment, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jew trasferiment jkun jista' jkompli l-proċedura tal-fruntiera fit-territorju tiegħu. Din il-proposta tiżgura wkoll konsistenza mar-reġim speċjali propost għat-trattament tal-migranti żbarkati wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ fir-Regolament dwar il-ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni u fil-proposta emendata għal Regolament Eurodac riformulat, b'mod

partikolari b'kif il-kategoriji ta' persuni eliġibbli għar-rilokazzjoni huma definiti u bl-introduzzjoni ta' kategorija ġdida fil-Eurodac għal daww il-migranti.

Fl-aħħar nett, hija żgurata wkoll il-konsistenza mal-ftehimiet politiċi provviżorji li diġà ntlaħqu dwar ir-Regolament dwar il-kwalifiki, id-Direttiva dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, ir-Regolament Qafas tal-UE dwar ir-Risistemazzjoni, u r-Regolament tal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti mal-approċċ komprensiv u fit-tul għall-ġestjoni tal-migrazzjoni stabbilit fil-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, li jinvolvi t-tqegħid tal-politika tal-migrazzjoni fil-qalba tar-relazzjonijiet ma' sħab ta' pajjiżi terzi; il-ħolqien ta' perkorsi legali effettivi għall-UE; l-integrazzjoni tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni fil-politika usa' tal-UE dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni; il-bini ta' proċeduri mingħajr xkiel, ġusti u effiċjenti għall-ażil u r-ritorn; it-tisħiħ taż-żona ta' Schengen tal-moviment liberu bbażata fuq il-fiduċja bejn l-Istati Membri; u l-iżvilupp ta' politiki ddedikati biex jgħinu fl-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-soċjetajiet Ewropej.

Il-proposta timplimenta l-Patt il-ġdid u b'mod partikolari l-għan li titnieda mill-ġdid ir-riforma tal-ażil proposta mill-Kummissjoni fl-2016 billi fost l-oħrajn tħares lejn modi kif tiġi stabbilita sistema tal-ażil u tar-ritorn mingħajr xkiel. F'dan ir-rigward, il-fażi ta' qabel id-dħul – qabel ma l-persuna tkun ġiet awtorizzata tidħol fit-territorju, u li tikkonsisti fl-iskrinjar u l-proċedura tal-fruntiera – tindirizza sfidi multipli relatati mal-proċess kollu ta' migrazzjoni, mill-ewwel wasla għad-direzzjonar għall-proċedura xierqa tal-ażil jew tar-ritorn. Daww l-isfidi jinkludu l-ħtieġa li tiġi sostnuta pressjoni mnaqqsa minn wasliet irregolari u fruntieri esterni b'saħħithom, movimenti 'l quddiem mnaqqsa kif ukoll sistema tar-ritorn u r-riammissjoni rapida u effettiva.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażijiet ġuridiċi tal-proposta huma l-Artikoli^o78(2)(d) u 79(2)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dawn jipprevedu l-adozzjoni ta' miżuri għal proċeduri komuni għall-għoti u għall-irtirar ta' status uniformi tal-ażil jew protezzjoni sussidjarja kif ukoll l-immigrazzjoni illegali u r-residenza mhux awtorizzata, inkluż it-tneħħija u r-ripatrijazzjoni ta' persuni residenti mingħajr awtorizzazzjoni, rispettivament. Il-bażi ġuridika preċedenti ntużat ukoll fil-proposta tal-Kummissjoni tal-2016 għal Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil. Huwa meħtieġ li tiżdied din l-aħħar bażi ġuridika biex jiġu previsti dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw ir-ritorn ta' persuni li jfittxu ażil rifjutati, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħruġ konġunt ta' deċiżjoni tar-ritorn wara deċiżjoni negattiva dwar applikazzjoni, ir-rimedju konġunt kontra dawn id-deċiżjonijiet u l-proċeduri fuq il-fruntiera bla xkiel tal-ażil u tar-ritorn.

- **Ġeometrija varjabbli**

F'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tal-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE, l-Irlanda tista' tiddeċiedi li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' miżuri li jistabbilixxu Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

F'dan ir-rigward, l-Irlanda tat avviż tax-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/85/KE u tad-deċiżjoni tagħha li ma tipparteċipax fl-

adozzjoni tad-Direttiva 2013/32/UE. Konsegwentement, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/85/KE japplikaw għall-Irlanda, filwaqt li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva attwali ma japplikawx għall-Irlanda. L-Irlanda ma avżatx dwar ix-xewqa tagħha li tiegħu sehem fl-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar il-Proċedura tal-Ażil. Madankollu, il-pożizzjoni tal-Irlanda f'dawn ir-rigwardi ma taffettwax il-parteċipazzjoni possibbli tagħha fl-applikazzjoni tar-Regolament il-ġdid skont il-Protokoll Nru 21.

F'konformità mal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Direttiva 2005/85/KE u d-Direttiva 2013/32/UE mhumie x vinkolanti għad-Danimarka u lanqas id-Danimarka ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tagħhom. Id-Danimarka mhijiex qiegħda tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

• **Prinċipju**

L-għan ta' din il-proposta huwa li jsiru emendi mmirati għall-proposta tal-2016 għal Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil u li, flimkien mal-proposta għal Regolament li jintroduċi l-iskrinjar, ikun hemm rabta bla xkiel bejn l-istadji kollha tal-proċess ta' migrazzjoni, mill-wasla sal-ipproċessar tat-talbiet għall-ażil u, fejn applikabbli, ir-ritorn. Għal dan il-għan, huma meħtieġa proċeduri aktar armonizzati, b'mod partikolari fażi ġdida ta' qabel id-dħul li tinkludi skrinjar u proċeduri fuq il-fruntiera tal-ażil u tar-ritorn relatati.

L-għan huwa wkoll li tiġi introdotta fil-proċedura komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali armonizzazzjoni ulterjuri fir-rigward tal-ħruġ ta' deċiżjonijiet tal-ażil u tar-ritorn fl-istess att jew, jekk f'atti separati, fl-istess ħin u flimkien, u soġġett għall-istess rimedju effettiv u l-possibbiltà li l-applikanti jitħallew jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri matul it-tieni livell ta' appell jew aktar. L-għan huwa li l-migranti ma jitħallewx idewmu l-proċeduri bl-iskop uniku li tiġi evitata t-tneħħija tagħhom mill-Unjoni u li jsir użu ħażin mis-sistema tal-ażil.

Il-proċeduri l-ġodda għandhom ikunu regolati mill-istess regoli, irrispettivament mill-Istat Membru li jkun qed japplikahom, biex jiġu żgurati ekwità fit-trattament tal-applikanti, ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat soġġetti għalihom u ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali għall-individwu. Barra minn hekk, l-Istati Membri ma jistgħux jistabbilixxu individwalment regoli komuni li jnaqqsu l-inċentivi għal shopping għal ażil u movimenti sekondarji bejn l-Istati Membri. Għaldaqstant, dan l-għan ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

• **Proporzjonalità**

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu.

Fir-rigward tal-għan li jiġu stabbiliti proċeduri ġodda, b'mod partikolari fażi ġdida ta' qabel id-dħul li tinkludi skrinjar u proċedura bla xkiel fuq il-fruntiera tal-ażil u tar-ritorn, l-elementi kollha tal-proposta huma limitati għal dak li huwa meħtieġ biex tiġi stabbilita u permessa proċedura komuni bħal din, biex din tiġi armonizzata u ssimplifikata, biex tiġi żgurata l-ugwaljanza fit-trattament f'termini ta' drittijiet u garanziji għall-applikanti u biex jiġu evitati

diskrepanzi fil-proċeduri nazzjonali, li għandhom il-konsegwenza mhux mixtieqa li jinkoraġġixxu movimenti mhux awtorizzati.

Dwar l-oġġettiv li tiġi introdotta, fil-proċedura komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, aktar armonizzazzjoni fir-rigward tal-ħruġ ta' deċiżjonijiet dwar l-ażil u r-ritorn fl-istess att jew, jekk f'atti separati, fl-istess ħin u flimkien u soġġett għall-istess rimedju effettiv, u fir-rigward tal-limitazzjoni tal-possibbiltajiet ta' appell għal livell wieħed ta' rimedju effettiv għad-deċiżjonijiet meħuda fil-proċedura tal-fruntiera, dan huwa meħtieġ sabiex il-proċeduri jiġu ssimplifikati u tittejjeb l-effettività tagħhom. L-għan ta' dawn il-bidliet huwa li jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn id-dritt tal-applikanti għal rimedju effettiv u l-ħtieġa li jiġi żgurat li s-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri ma jiġux abbużati mill-applikanti, ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li għandhom l-għan biss li jipprevjenu t-tneħħija tagħhom mill-Unjoni. Is-salvagwardji kollha meħtieġa huma madankollu fis-seħħ biex jiżguraw li ħadd ma jaqa' fix-xquq u li d-dritt għall-ażil ikun dejjem garantit.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta emendata ma tibdilx l-għażla tal-istrument tal-proposta għal Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil tal-2016. F'dan ir-rigward, il-grad ta' armonizzazzjoni ta' proċeduri nazzjonali għall-għoti u għall-irtirar ta' protezzjoni internazzjonali li nkiseb permezz tad-Direttiva 2013/32/UE ma kienx biżżejjed biex jiġu indirizzati d-differenzi fit-tipi ta' proċeduri użati, il-limiti ta' żmien għall-proċeduri, kif ukoll id-drittijiet u l-garanziji proċedurali għall-applikanti. Huwa biss Regolament li jistabbilixxi proċedura komuni għall-ażil fl-Unjoni, u li d-dispożizzjonijiet tiegħu għandhom ikunu applikabbli direttament, li jista' jipprovdi l-grad neċessarju ta' uniformità u effettività meħtieġa fl-applikazzjoni ta' regoli proċedurali fil-liġi tal-Unjoni dwar l-ażil.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX-POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Ġbir ta' għarfien dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2016, il-Kummissjoni kkummissjonat studju sabiex tiddetermina jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-proċeduri tal-Ażil (2013/32/UE) humiex riflessi b'mod korrett fil-qafas legali ta' kull Stat Membru. L-istudju vvaluta jekk l-obbligi fid-Direttiva humiex introdotti fl-ordnijiet legali nazzjonali u jekk l-Istati Membri kkonformawx mad-dmir ta' notifika tagħhom (kontroll tat-traspożizzjoni) u jekk il-miżuri implimentattivi nazzjonali kinux kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (kontroll tal-konformità). Għall-finijiet tal-valutazzjoni, inġhata rendikont eżawrjenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' kull Stat Membru sabiex jiġu inklużi l-atti nazzjonali rilevanti kollha li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-Direttiva, mhux limitati għall-miżuri ta' traspożizzjoni diretta.

Skont l-istudju, id-Direttiva ġiet trasposta b'mod konformi mill-maġġoranza tal-Istati Membri b'mod ġenerali. Madankollu, l-istudju sab każijiet ta' implimentazzjoni mhux kompluta jew mhux korretta fi kważi l-Istati Membri kollha fir-rigward ta' kwistjonijiet bħar-rekwiżiti għal intervista personali, garanziji għal minorenni mhux akkumpanjati jew il-proċedura ta' eżami. Il-Kummissjoni kienet qed tindirizza dan it-tħassib mal-Istati Membri kkonċernati, inkluż billi fetħet proċeduri ta' ksur.

Fl-2019, l-Uffiċċju Ewropew ta' appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO) ippubblika l-Gwida tiegħu dwar il-proċedura tal-ażil: *standards u indikaturi operattivi*, li l-għan ġenerali tagħha huwa li tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni prattika tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva dwar il-proċeduri tal-Ażil (2013/32/UE). Il-Gwida hija kontribut importanti għall-formulazzjoni ta' standards u indikaturi operazzjonali komuni li huma realistiċi u li jistgħu jinkisbu mill-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll ġabra ta' eżempji ta' prattika tajba. Il-Gwida kienet preċeduta minn evidenza miġbura mill-EASO b'mod partikolari dwar appelli u proċeduri speċjali tal-ażil. L-EASO ħareġ ukoll żewġ gwidi prattiċi: Gwida Prattika dwar il-Valutazzjoni tal-Età (2018) u Gwida prattika dwar l-aħjar interessi tat-tfal fil-proċeduri tal-ażil (2019). Barra minn hekk, l-EASO ħareġ rapport dwar il-proċeduri tal-ażil għat-tfal, li jenfasizza prattiki tajbin u jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet bħall-prinċipju tal-aħjar interess tat-tfal, is-salvagwardji u l-kundizzjonijiet speċjali relatati mat-tfal, il-mekkaniżmi ta' riferiment u t-taħriġ tal-persunal.

Informazzjoni sinifikanti dwar is-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri kif ukoll il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri u l-Parlament Ewropew inġabret ukoll matul kważi erba' snin ta' negozjati dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament ta' Proċedura tal-Ażil, ippreżentata fit-13 ta' Lulju 2016. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni fit-22 ta' Mejju 2018. Minkejja l-progress sinifikanti fit-test, il-Kunsill għadu ma setax jadotta approċċ komuni, l-aktar minħabba nuqqas ta' qbil fir-rigward tal-proċedura tal-fruntiera. Barra minn hekk, il-Kunsill ma wasalx għal pożizzjoni dwar il-lista Ewropea ta' pajjiżi tal-orġini bla periklu kif propost mill-Kummissjoni. Il-Kunsill ikkunsidra wkoll, mingħajr ma ħa pożizzjoni, jekk ir-Regolament propost għandux jinkludi wkoll lista Ewropea ta' pajjiżi terzi bla periklu.

Fir-rigward tal-użu ta' proċeduri aċċellerati u fuq il-fruntiera, fl-2016, il-Kummissjoni pproponiet li l-proċedura aċċellerata ta' eżami għandha ssir obligatorja f'ċerti każijiet, b'regoli speċifiċi fir-rigward tal-possibbiltà li tiġi applikata fir-rigward ta' minorenni mhux akkumpanjati. Fl-2016, il-Kummissjoni pproponiet proċedura tal-fruntiera fakultattiva. Il-Parlament Ewropew qabel li l-proċedura aċċellerata għandha ssir obbligu f'ċerti każijiet, iżda f'każijiet aktar limitati meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni, b'mod partikolari mhux għal minorenni mhux akkumpanjati. Il-Parlament Ewropew ukoll eskluđa lill-minorenni mhux akkumpanjati mill-proċedura tal-fruntiera. Il-Kunsill ħa l-pożizzjoni li jestendi s-sitwazzjonijiet li fihom tista' tintuża l-proċedura aċċellerata, inkluż għal minorenni mhux akkumpanjati. Rigward il-proċedura tal-fruntiera, il-Kunsill kien diviż dwar jekk il-proċedura tal-fruntiera għandhiex issir obligatorja jew le, għallinqas sa ċertu punt. L-Istati Membri favur l-obbligu li tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera indikaw l-importanza tagħha bħala għodda għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, b'mod partikolari fejn parti kbira mill-applikanti għall-ażil ġejjin minn pajjiżi b'rata baxxa ta' rikonossiment. Il-proċedura fuq il-fruntiera tista' għalhekk iżżid il-possibbiltajiet tar-ritorn b'suċċess direttament mill-fruntiera esterna fi żmien qasir wara l-wasla, b'mod partikolari permezz tal-proċedura aktar rapida għar-ritorn u r-rabtiet aktar b'saħħithom bejn l-ażil u r-ritorn, u tnaqqas ir-riskju li l-applikanti jaħarbu jew iwettqu movimenti mhux awtorizzati. L-Istati Membri li kienu xettiċi matul in-negozjati lejn l-obbligu li tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera, indikaw xi sfidi fl-applikazzjoni ta' tali proċeduri b'mod sistematiku, bħal: diffikultajiet biex jiġi vvalutat malajr jekk applikant jistax jikkwalifika għal eżami, diffikultajiet fil-proċedura tal-fruntiera u l-ħtieġa sadanittant li l-applikant jinżamm fil-fruntiera; proċeduri ta' appell li jieħdu żmien twil wisq u għalhekk l-iskadenza għat-tlestija tal-proċedura tal-fruntiera tiskadi qabel ma tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni; il-ħtieġa għal investimenti u riżorsi importanti (infrastruttura, persunal u tagħmir); u r-rilevanza limitata tal-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera fejn ma jkun hemm l-ebda prospett li l-applikant li jkun ġie rifjutat jiġi rritornat.

Fil-proposta tal-2018 għal Direttiva dwar ir-ritorn imfassla mill-ġdid, il-Kummissjoni pproponiet li l-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni tar-ritorn immedjatament wara deċiżjoni li ttemm is-soġġorn legali ta' ċittadin ta' pajjiż terz, b'mod partikolari deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. L-istess proposta stabbilixxiet ukoll proċedura tar-ritorn fuq il-fruntiera applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li l-applikazzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali kienu ġew miċħuda fil-kuntest tal-proċedura tal-fruntiera tal-ażil. Filwaqt li l-Parlament Ewropew għadu ma adottax pożizzjoni dwar il-proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali parzjali f'Mejju 2019, li jkopri l-elementi kollha tal-proposta ħliel il-proċedura tal-fruntiera tar-ritorn, b'mod partikolari minħabba r-rabtiet tagħha mal-proċedura tal-fruntiera tal-ażil tal-proposta tal-2016 għal Regolament ta' Proċedura tal-Ażil li dwaru ma seta' jinstab l-ebda ftehim.

F'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt għal rimedju effettiv, sabiex jitnaqqsu l-possibilitajiet ta' abbuż mis-sistema tal-ażil, fl-2016, il-Kummissjoni pproponiet li appelli tat-tieni livell jew oġġla quddiem qorti jew tribunal ma għandux ikollhom effett ta' sospensjoni awtomatiku sakemm qorti jew tribunal, li jaġixxu *ex officio* jew fuq talba tal-applikant, ma jiddeċidux mod ieħor. Il-Parlament Ewropew appoġġa, fir-rapport tiegħu, din id-dispożizzjoni, filwaqt li l-Kunsill ikkunsidra li l-proċedura tal-ażil kif regolata mil-liġi tal-UE għandha tintemm wara d-deċiżjoni minn qorti tal-appell tal-prim'stanza. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li tistabbilixxi limiti ta' żmien armonizzati għall-applikanti biex jippreżentaw appelli quddiem qrati jew tribunali ta' prim'stanza kif ukoll limiti ta' żmien għall-qrati biex jiddeċiedu dwar l-appelli. Il-Parlament Ewropew qabel dwar il-limiti ta' żmien għall-applikanti biex jippreżentaw appelli iżda ma setax jappoġġa l-introduzzjoni ta' limiti ta' żmien għall-qrati jew tribunali biex jiddeċiedu. Il-Kunsill iffavorixxa meded ta' żmien li għandhom jiġu definiti fil-liġi nazzjonali aktar milli limiti ta' żmien armonizzati fil-livell Ewropew għall-applikanti biex jippreżentaw appelli u ma setax jappoġġa l-introduzzjoni ta' limiti ta' żmien li fihom il-qrati jew it-tribunali għandhom jiddeċiedu. Madankollu, il-Kunsill jista' jaċċetta li dawn il-limiti ta' żmien jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri, lill-Parlament Ewropew u lill-partijiet ikkonċernati f'għadd ta' okkażjonijiet biex tiġbor il-fehmiet tagħhom dwar il-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. B'mod parallel, il-Presidenzi tar-Rumanija, tal-Finlandja u tal-Kroazja kellhom skambji kemm strateġiċi kif ukoll tekniċi dwar il-futur ta' aspetti varji tal-politika dwar il-migrazzjoni, inkluż l-ażil, ir-ritorn, ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi dwar ir-riammissjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid. Dawn il-konsultazzjonijiet urew appoġġ għal bidu ġdid dwar il-politika Ewropea dwar l-ażil u l-migrazzjoni biex jiġu indirizzati b'mod urġenti n-nuqqasijiet fis-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA), biex titjieb l-effettività tar-ritorni u tiġi stabbilita sistema Ewropea ġenwina tar-ritorn, biex insaħħu r-relazzjonijiet tagħna ma' pajjiżi terzi dwar ir-riammissjoni u biex niżguraw integrazzjoni mill-ġdid sostenibbli tal-migranti wara r-ritorn tagħhom lejn il-pajjiżi tal-orijini.

Qabel it-tnedija tal-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet intensivi kontinwi mal-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni organizzat ukoll żewġ rawnds ta' żjarat intensivi u ta' konsultazzjonijiet bilaterali ma' kull Stat Membru individwalment fl-ewwel 100 jum fil-kariga kif ukoll, aktar reċentement, qabel il-preżentazzjoni tal-Patt. L-Istati Membri u l-Parlament Ewropew appoġġaw il-ħtieġa għal progress biex jissolvew in-nuqqasijiet tas-sistema attwali, il-ħtieġa għal sistema ġdida ta' tqassim ġust tar-responsabbiltà li għaliha jistgħu jikkontribwixxu l-Istati Membri kollha, protezzjoni qawwija tal-fruntieri, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali fl-aspetti kollha tal-

politika tal-migrazzjoni tal-UE, l-importanza tad-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, inkluż perkorsi legali u sikuri, u ritorni mtejbja.

Ġew organizzati għadd ta' workshops u diskussjonijiet matul il-Presidenza Finlandiża f'diversi fora tal-Kunsill, inkluż il-Konferenza ta' Tampere 2.0 li saret fl-24-25 ta' Ottubru 2019 f'Helsinki u l-Forum ta' Salzburg li sar fi Vjenna fis-6-7 ta' Novembru 2019, fejn l-Istati Membri laqgħu l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tniedi mill-ġdid ir-riforma ta' Dublin sabiex jinstabu forum ġodda ta' solidarjetà li għalihom l-Istati Membri kollha jkunu meħtieġa jikkontribwixxu. L-Istati Membri enfasizzaw li l-miżuri ta' solidarjetà jenħtieġ ikunu parti mis-sistema riformata iżda li għandhom jimxu id f'id mal-miżuri ta' responsabbiltà. Barra minn hekk, huma enfasizzaw il-ħtieġa urġenti li jiġu miġġielda l-movimenti mhux awtorizzati fl-UE kif ukoll li jiġu infurzati r-ritorni għal dawk li ma għandhomx bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. Il-Parlament Ewropew enfasizza f'diversi okkażjonijiet il-ħtieġa li jiġu protetti b'mod suffiċjenti l-familji bit-tfal u li tingħata attenzjoni speċjali fir-rigward ta' minorenni mhux akkumpanjati. Il-Kummissarju Johansson organizzat f'diversi okkażjonijiet konsultazzjonijiet immirati lejn organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet mhux governattivi lokali rilevanti fl-Istati Membri, imsieħba soċjali u ekonomiċi. F'dan il-proċess ta' konsultazzjoni, ġew ippreżentati rakkomandazzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-ħtieġa għal aktar żvilupp ta' approċċ komuni dwar standards speċifiċi għat-tfal f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-2017 dwar it-tfal fil-Migrazzjoni³. Is-soċjetà ċivili ġiet ikkonsultata wkoll fil-proċess tal-Forum Konsultattiv stabbilit mill-EASO, dwar suġġetti bħall-ewwel passi fil-proċedura tal-ażil (2019).

Il-Kummissjoni qieset ukoll rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-awtoritajiet nazzjonali u lokali⁴, organizzazzjonijiet mhux governattivi u internazzjonali, bħall-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR)⁵, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni⁶ (IOM), kif ukoll gruppi ta' riflessjoni u akkademiċi, dwar kif jiġi previst bidu ġdid għall-migrazzjoni u jiġu indirizzati l-isfidi attwali tal-migrazzjoni filwaqt li jiġu salvagwardjati l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem. Fil-fehma tagħhom, bidu mill-ġdid tar-riforma għandu jirrevedi ċerti regoli għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà u jipprovdi għal mekkaniżmu ta' solidarjetà obligatorja inkluż għal persuni żbarkati wara operazzjoni SAR. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi wkoll ihegħu li jkun hemm fehim komuni tar-responsabbiltà fost l-Istati Membri u talbu li r-regoli ta' Dublin riveduti jinkludu mekkaniżmu ta' rilokazzjoni aktar permanenti⁷.

³ L-Inizjattiva għat-tfal fil-Migrazzjoni appellat għal approċċ komuni biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tat-tfal neqsin (mhux akkumpanjati u separati), biex jiġu stabbiliti mekkaniżmi effettivi biex jiġu indirizzati r-riskji tat-traffikar, u l-adozzjoni ta' standards speċifiċi għat-tfal għall-proċeduri tal-ażil.

⁴ Pereżempju, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Berlin dwar Politika Ewropea ġdida dwar l-Ażil, il-25 ta' Novembru 2019, iffirmit minn 33 organizzazzjoni u muniċipalitajiet.

⁵ Ir-rakkomandazzjonijiet tal-UNHCR għall-Patt propost tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, Jannar 2020.

⁶ Rakkomandazzjonijiet tal-IOM għall-Patt tal-Unjoni Ewropea l-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, Frar 2020.

⁷ Rapport dwar il-proġett CEPS, *arranġamenti ta' tiftix u salvataġġ, żbarkar u rilokazzjoni fil-Mediterran. Nitbiegħdu mir-responsabbiltà?*, Ġunju 2019.

Il-Kummissjoni qieset ukoll il-kontribuzzjonijiet u l-istudji tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni⁸, li tnedew fuq l-inizjattiva tagħha u li matul l-aħħar snin ħarġu diversi studji speċjalizzati u mistoqsijiet *ad hoc*.

Tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza

Il-Kummissjoni tiffavorixxi tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza u tirreferi għad-dokument separat (XXX) li jinkludi d-*data* u l-elementi rilevanti li jappoġġaw l-approċċ propost għad-diversi sfidi identifikati mill-2016 għall-finalizzazzjoni tar-riforma tas-SEKA u t-tisħiħ tal-qafas legali Ewropew għar-ritorn.

• Drittijiet fundamentali

Din il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti, b'mod partikolari, mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-obbligi li joħorġu mil-liġi internazzjonali, b'mod partikolari mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Id-dritt għal-libertà u l-moviment liberu huwa protett peress li, jekk id-detenzjoni tintuża fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera, skont id-Direttiva dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u d-Direttiva dwar ir-ritorn, tkun iġġustifikata biss għal raġunijiet speċifiċi definiti b'mod ċar f'dawk id-Direttivi, meta jkun meħtieġ u proporzjonat, fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali ta' kull każ soġġett għal reviżjoni ġudizzjarja, u bħala miżura aħħarija jekk miżuri alternattivi oħra inqas koersivi ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv.

Il-proposta tiggarantixxi li l-aħjar interess tat-tfal dejjem se jkun protett, b'mod partikolari billi bħala regola teskludi l-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjati u familji bi tfal taħt l-età ta' 12-il sena, għajr meta jitqiesu li huma ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku ta' Stat Membru, jew l-applikant ikun tkeċċa bil-forza għal raġunijiet serji ta' sigurtà pubblika jew ordni pubbliku skont il-liġi nazzjonali.

Id-dritt għal rimedju effettiv huwa żgurat b'mod adegwat, peress li huwa biss f'każijiet debitament ġustifikati stabbiliti f'dan ir-Regolament, fejn l-applikazzjonijiet x'aktarx ikunu bla bażi, li applikant ma għandux ikollu dritt awtomatiku li jibqa' għall-fini tal-appell.

Ir-rispett tal-prinċipju ta' *non-refoulement* huwa żgurat, peress li l-proposta tistabbilixxi li l-effetti kollha ta' deċiżjoni tar-ritorn għandhom jiġu sospiżi sakemm l-applikant ikollu d-dritt li jibqa' jew jitħalla jibqa' għall-finijiet ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar ir-ritorn, il-prinċipju ta' *non-refoulement* għandu jiġi rispettat matul il-fażijiet kollha tal-proċeduri tar-ritorn u l-appelli kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom jissospendu awtomatikament l-infurzar ta' deċiżjonijiet li jirriskjaw li jiksru dak il-prinċipju.

⁸ L-istudji u r-rapporti kollha tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni huma disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/networks/european_migration_network_en.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma timponi l-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni. Għalhekk ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni. L-Istati Membri se jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-fondi allokatu taħt il-programmi nazzjonali tagħhom kemm taħt il-Fond eżistenti għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-integrazzjoni kif ukoll taħt il-Fond il-ġdid għall-Ażil u l-Migrazzjoni biex jappoġġaw kwalunkwe investiment meħtieġ fl-infrastruttura għall-użu tal-proċedura fuq il-fruntiera. L-EASO u l-Frontex jistgħu jappoġġaw lill-Istati Membri b'persunal għall-istess għan, fil-mandati rispettivi tagħhom.

- **Arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar**

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tiegħu, u kull ħames snin wara dan. L-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa jibagħtu l-informazzjoni rilevanti għall-abbozzar ta' dak ir-rapport lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil. L-Aġenzija se tissorvelja wkoll il-konformità ma' dan ir-Regolament mill-Istati Membri permezz tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ li l-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi fir-reviżjoni tagħha tal-mandat tal-Aġenzija⁹.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-għan ta' din il-proposta huwa li jsiru emendi mmirati għall-proposta tal-Kummissjoni tal-2016 għal Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil biex tiġi stabbilita, flimkien mal-proposta għal Regolament li jintroduċi skrinjar u l-proposta li temenda d-Direttiva dwar ir-ritorn, rabta bla intoppi bejn l-istadji kollha tal-proċess ta' migrazzjoni, mill-wasla sal-ipproċessar tat-talbiet għall-ażil u l-ġhoti ta' protezzjoni internazzjonali, jew, fejn applikabbli, ir-ritorn ta' dawk li ma jkollhomx protezzjoni internazzjonali.

1. **Fażi ġdida ta' qabel id-dħul**

Il-proċess miżjud li tirriżulta mill-wasla ta' flussi mħallta bi proporzjon għoli ta' dawk b'kansijiet baxxi li jirċievu protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li tiġi indirizzata b'għodod ġodda u effettivi għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, inkluż proċeduri aktar armonizzati, b'mod partikolari fil-fruntiera esterna, sabiex tiġi żgurata identifikazzjoni u direzzjonar malajr tal-migranti fil-proċedura t-tajba u eżami rapidu tal-pretensjonijiet tagħhom. Għal dan il-għan, hija stabbilita fażi ġdida ta' qabel id-dħul li tikkonsisti fi skrinjar f'[COM(2020)xxx final], proċedura aċċellerata aktar żviluppata u proċedura fuq il-fruntiera għall-ażil u r-ritorn.

Fir-rigward tal-proċedura fuq il-fruntiera, u kif spjegat aktar 'il fuq, din il-proposta għandha l-għan, minn naħa, li tagħmel il-proċedura fuq il-fruntiera aktar flessibbli iżda ugwalment aktar effettiva għall-Istati Membri fil-prattika billi tadattaha għall-esperjenza Prattika u l-flussi attwali fuq ir-rotot ewlenin tal-migrazzjoni. Dan jinvolti l-ġhoti ta' raġunijiet addizzjonali biex tintuża filwaqt li jiġi estiż it-tul massimu ta' proċedura bħal din. Proċedura fuq il-fruntiera aktar effettiva bħal din tippermetti lill-awtoritajiet tal-ażil u tal-migrazzjoni jivvalutaw b'mod aktar effiċjenti t-talbiet ġenwini fuq l-art, jagħtu deċiżjonijiet aktar mgħaġġla u b'hekk jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar u aktar kredibbli tal-politiki tal-ażil u r-ritorn, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali. Min-naħa l-oħra, in-natura obbligatorja ta' proċedura fuq il-fruntiera għal ċerti kategoriji ta' applikanti jenħtieġ li titqies fil-kuntest usa' tas-sett ġenerali ta' miżuri ppreżentati mill-Kummissjoni fil-Patt u fil-proposti

⁹ COM (2016) 271 final.

li jakkumpanjawh, kif ukoll dawk pendenti. F'dan ir-rigward ukoll, għandhom jitqiesu l-esperjenzi prattiċi. B'mod partikolari, il-kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk applikazzjoni għandhiex tiġi evalwata fi proċedura fuq il-fruntiera jeħtieġ li jkunu faċli u jkunu jistgħu jiġu applikati malajr fil-prattika. Fl-aħħar nett, wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li ċertu numru ta' persuni li l-applikazzjonijiet għall-ażil tagħhom ikunu ġew rifjutati, għallinqas fuq medda qasira ta' żmien mhux se jiġu rritornati minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi.

Proċedura fuq il-fruntiera hija aktar faċli biex tintuża, jekk jista' jiġi konkluż mill-bidu - mad-dħul, matul l-iskrinjar - abbażi ta' kriterju oġġettiv, jekk persuna għandhiex tkun soġġetta għaliha.

Huwa importanti wkoll li jiġi ċċarat f'liema mument tibda tapplika l-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil. Din hija r-raġuni għaliex l-Artikoli 26 u 27 huma modifikati, biex jiċċaraw li l-Istat Membru għandu jirreġistra l-applikazzjoni għall-ażil ladarba l-iskrinjar ikun intemm. . Dan ma jaffettwax id-dritt tal-persuna li tagħmel applikazzjoni għall-ażil immedjatament meta tasal fit-territorju ta' Stat Membru, iżda jfisser biss li l-applikazzjoni tiegħu/tagħha tiġi rreġistrata ladarba l-iskrinjar ikun intemm u l-informazzjoni meħtieġa tkun disponibbli biex jiġi deċiż jekk għandhiex tintuża l-proċedura fuq il-fruntiera.

2. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil: nistabbilixxu għal min tista' tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera, u għal min għandha tiġi applikata:
 - L-ewwel nett, l-Artikolu 41(1) u (2) il-ġdid jiċċara li biss applikazzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu vvalutati fi proċedura fuq il-fruntiera fejn l-applikanti jkunu għadhom ma ġewx awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru u mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Il-proċedura fuq il-fruntiera se ssegwi l-iskrinjar imwettaq skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-iskrinjar], fejn l-applikazzjonijiet ikunu saru f'punt ta' qsim tal-fruntiera esterna jew f'żona ta' tranżitu, wara l-arrest b'konnessjoni ma' qsim irregolari tal-fruntiera esterna jew wara l-iżbark wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ.
 - Id-deċiżjonijiet fi proċedura fuq il-fruntiera jistgħu jittieħdu biss dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni jew dwar il-merti tal-applikazzjoni fejn l-applikazzjoni tkun eżaminata fi proċedura aċċellerata. Dan jinkludi l-possibbiltà li titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera għall-każijiet fejn Stat Membru jista' jikkunsidra pajjiż terz bħala "pajjiż ta' oriġini bla periklu" jew "pajjiż terz bla periklu" għall-applikant li jeħtieġu valutazzjoni aktar fil-fond tas-sitwazzjoni ta' aplikant. Għalhekk tiżdied raġuni ġdida għall-aċċellerazzjoni, li hija bbażata fuq kriterji aktar oġġettivi u faċli biex jintużaw, skont liema Stat Membru għandu jħaffef l-eżami tal-applikazzjonijiet magħmula minn aplikanti li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi, li għalihom, is-sehem ta' deċiżjonijiet pożittivi dwar l-ażil fin-numru totali ta' deċiżjonijiet dwar l-ażil huwa, skont l-aħħar *data* medja tal-Eurostat mill-Unjoni kollha disponibbli, inqas minn 20 %. Dan il-perċentwal huwa ġġustifikat miż-żieda sinifikanti fin-numru ta' applikazzjonijiet magħmula minn aplikanti li jkunu ġejjin minn pajjiżi b'rata baxxa ta' rikonoxximent, inqas minn 20 %, u għalhekk il-ħtieġa li jiġu stabbiliti proċeduri effiċjenti biex jindirizzaw daww l-applikazzjonijiet, li x'aktarx ikunu bla bażi.

- Skont l-Artikolu 41(7) il-ġdid, filwaqt li japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil, l-Istati Membri jistgħu wkoll iwettqu l-proċedura biex jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni.
- L-Artikolu 41(6) il-ġdid jiċċara li l-applikanti soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru.
- **L-obbligu tal-Istati Membri li japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil f'ċerti każijiet:** L-Artikolu 41(3) il-ġdid jobbliga lill-Istati Membri biex japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera f'każijiet ta' wasla irregolari fil-fruntiera esterna jew wara żbark wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ u jekk tapplika waħda mir-raġunijiet li ġejjin: 1, l-applikant ikun jippreżenta riskju għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku 2, l-applikant ikun inganna lill-awtoritajiet billi ppreżenta informazzjoni jew dokumenti foloz jew billi żamm għalih informazzjoni jew dokumenti rilevanti fir-rigward tal-identità jew tan-nazzjonalità tiegħu li seta' kellhom impatt negattiv fuq id-deċiżjoni 3, l-applikant ikun ġej minn pajjiż terz li għalih is-sehem ta' deċiżjonijiet pożittivi dwar l-ażil fin-numru totali ta' deċiżjonijiet dwar l-ażil huwa taħt l-20 fil-mija.
- **Eċċezzjonijiet għall-obbligu li titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil:** Skont il-qari konġunt tal-Artikolu 41(3) u (5) il-ġdid, minorenni mhux akkumpanjati u minorenni taħt l-età ta' 12-il sena u l-membri tal-familja tagħhom huma soġġetti biss għall-proċedura fuq il-fruntiera f'każ li jitqiesu ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru. L-Artikolu 41(4) il-ġdid jippermetti wkoll lill-Istati Membri jagħmlu eċċezzjonijiet mill-obbligu li jwettqu l-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil f'każijiet fejn mill-bidu nett ikun improbabbli li r-riammissjoni tal-persuni, f'każ ta' deċiżjoni negattiva dwar l-applikazzjoni tagħhom għall-ażil, tkun ta' suċċess. L-eċċezzjoni tkun applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom dak l-Istat Membru jkun ippreżenta notifika lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 25a tal-Kodiċi dwar il-Viżi. Tali notifika tista' ssir fejn l-Istat Membru jkun ikkonfrontat bi problemi prattiċi sostanzjali u persistenti fil-kooperazzjoni mal-pajjiż terz inkwistjoni dwar ir-riammissjoni ta' migranti irregolari. L-Artikolu 41(4) jispeċifika wkoll is-sitwazzjonijiet u l-proċeduri applikabbli għal meta l-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw din l-eċċezzjoni jew meta għandhom jieqfu jagħmlu dan u għalhekk japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera għaċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat.
- **Tul tal-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil:** L-Artikolu 41(11) il-ġdid jispeċifika li l-proċedura fuq il-fruntiera għandu jkollha tul massimu ta' 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata għall-ewwel darba. B'deroga mill-iskadenza normali ta' 10 ijiem għall-preżentazzjoni, l-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara dik ir-reġistrazzjoni jew, f'każ li l-applikant ikun ġie rilokat skont l-Artikolu [x] tar-Regolament dwar il-ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni, ħamest ijiem minn meta l-applikant jidentifika lilu nnifsu lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru responsabbli (l-Artikolu 41(10)) il-ġdid. Din id-deroga hija ġġustifikata mill-fatt li f'dawn il-każijiet, l-applikant ma kienx awtorizzat jidħol fit-territorju, u ma għandhiex titħalla ssir preżentata tard biex iddewwem il-proċedura fuq il-fruntiera u l-iskadenza korrispondenti ta' 12 ġimgħat.
- **Garanziji fil-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil:** L-Artikolu 41(5) u (9) il-ġdid jispeċifika l-każijiet fejn il-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil ma għandhiex tiġi applikata. Minorenni mhux akkumpanjati u familji bi tfal taħt it-12-il sena jistgħu

jkunu soġġetti biss għal proċedura fuq il-fruntiera għal raġunijiet relatati mas-sigurtà nazzjonali jew mal-ordni pubbliku, jiġifieri meta l-minorenni mhux akkumpanjat, jew, fil-każ ta' familji, kwalunkwe membru tal-familja, jitqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru, jew ikun tkeċċa bil-forza għal raġunijiet serji ta' sigurtà pubblika jew ordni pubbliku skont il-liġi nazzjonali. Skont l-Artikolu 41(9) il-ġdid, l-Istati Membri ma għandhomx japplikaw jew għandhom jieqfu japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera f'ċerti każijiet, inkluż fejn ir-raġunijiet għall-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera ma jkunux ġew issodisfati jew ma jkunux għadhom issodisfati, fejn l-appoġġ meħtieġ ma jkunx jista' jingħata lil applikanti bi bżonnijiet proċedurali speċjali, fejn ikun hemm raġunijiet mediċi biex ma tiġix applikata l-proċedura fuq il-fruntiera, u fejn il-kundizzjonijiet għad-detenzjoni skont id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza ma jkunx jistgħu jiġu ssodisfati u l-proċedura fuq il-fruntiera ma tkunx tista' tiġi applikata mingħajr detenzjoni. Fejn il-proċedura fuq il-fruntiera ma tiġix applikata jew ma tibqax tiġi applikata, l-applikant għandu jidhalla jidħol fit-territorju tal-Istat Membru u l-applikazzjoni tiegħu għandha tiġi eżaminata fil-proċedura tal-ażil applikabbli (inkluż fi proċedura aċċellerata jekk rilevanti).

- **Il-post tal-applikanti soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil:** L-Artikolu 41(15) il-ġdid jagħmilha possibbli li l-applikanti jiġu akkomodati soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera mhux biss f'postijiet fil-fruntieri esterni jew f'żoni ta' tranżitu iżda wkoll qrib postijiet bħal dawn.
- Madankollu, l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jipprovdu għall-faċilitajiet meħtieġa biex japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera jew f'kull taqsima tal-fruntiera esterna fejn il-migranti jistgħu jinqabdu jew jiġu żbarkati. Huma jistgħu jagħżlu l-postijiet fejn għandhom jiġu stabbiliti l-faċilitajiet meħtieġa għal dak il-għan fi kwalunkwe post fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tal-fruntiera esterna u jittrasferixxu daww l-applikazzjonijiet koperti mill-proċedura fuq il-fruntiera għal daww il-postijiet irrispettivament minn fejn tkun saret inizjalment l-applikazzjoni għall-ażil. Madankollu, biex jiġu evitati wisq trasferimenti ta' applikanti u trasferimenti ta' applikanti li jieħdu wisq ħin, għal dan il-għan, Stati Membri għandhom jimmiraw li jistabbilixxu l-faċilitajiet meħtieġa fejn huma jistennaw li jirċievu l-aktar applikazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera.
- F'każ fejn tinqabeż il-kapaċità operazzjonali ta' daww il-postijiet bil-għan li jiġu pproċessati daww l-applikanti li għalihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera, l-Istati Membri jistgħu fuq bażi temporanja u għall-iqsar żmien meħtieġ, jakkomodaw applikanti f'postijiet oħra fit-territorju tal-Istat Membru. Din l-eċċezzjoni għandha tkun applikabbli biss meta l-kapaċità operattiva f'daww il-postijiet tkun temporanjament maqbuża, peress li l-Istati Membri għandhom jimmiraw li jipprovdu kapaċità suffiċjenti f'daww il-postijiet wara li jqisu l-ammont mistenni ta' każijiet ta' applikazzjonijiet.
- **Proċedura ġdida fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn:** L-Artikolu 41(a) il-ġdid jintroduċi proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn li tissostitwixxi l-proċedura fuq il-fruntiera tar-ritorn inkluża fil-proposta tal-2018 għal Direttiva riformulata dwar ir-ritorn. Il-proċedura fuq il-fruntiera biex isir ir-ritorn tapplika għal applikanti, ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu ġew miċħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-ażil. Il-persuni soġġetti għal din il-proċedura mhumiex awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru u għandhom jinżammu fil-fruntieri esterni, jew fil-viċinanza tagħhom,

jew f'żoni ta' tranżitu; madankollu, fejn l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jżommuhom f'dawk il-postijiet, jistgħu jużaw postijiet oħra fit-territorju tagħhom. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat soġġetti għall-proċedura jistgħu jingħataw perjodu ta' tluq volontarju li ma jaqbiżx il-15 jum, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jikkonformaw volontarjament mal-obbligu tar-ritorn, bi tluq minn żona ta' fruntiera jew żona ta' tranżitu fi kwalunkwe mument. Dan inaqas ir-riskju ta' dħul u moviment mhux awtorizzat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn mingħajr ma jipprevjeni l-possibbiltà tagħhom li jirritornaw b'mod volontarju u, jekk permess mil-liġi nazzjonali, jirċievu assistenza loġistika, finanzjarja jew assistenza oħra. Il-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn ma tistax taqbeż it-12-il ġimgħa, li jibdw jgħoddu minn meta l-persuna kkonċernata ma jkollhiex aktar id-dritt li tibqa' u ma tibqax permessa tibqa', jiġifieri meta talba mill-applikant biex jingħata d-dritt li jibqa' tkun ġiet miċħuda minn qorti. Dan il-perjodu huwa addizzjonali għal dak stabbilit għall-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali. Matul dan il-perjodu jew parti minnu, sabiex jiġi ffaċilitat u żgurat ir-ritorn sikur, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment jistgħu jinżammu f'detenzjoni f'każijiet individwali; u sejr in japplikaw is-salvagwardji u l-garanziji proċedurali stabbiliti mid-Direttiva dwar ir-Ritorn. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li kienu diġà detenuti (bis-salvagwardji applikabbli kollha previsti mid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tar-Riċevimenti) matul l-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali bħala parti mill-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil jistgħu jinżammu f'detenzjoni sabiex jiġi evitat dħul mhux awtorizzat u jitwettag ritorn. F'każijiet oħra, u b'mod partikolari meta iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jkunux ġew detenuti matul il-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil, id-detenzjoni tista' tintuża, fl-istess perjodu massimu ta' żmien, jekk ir-raġunijiet għad-detenzjoni stabbiliti fid-Direttiva riformulata dwar ir-Ritorn ikunu ssodisfati (hemm riskju ta' ħarba, il-persuna kkonċernata tevita jew tfixxkel it-tnejn tar-ritorn jew il-proċess ta' tneħħija, jew il-persuna tippreżenta riskju għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali). Madankollu, il-perjodu massimu ta' detenzjoni stabbilit mill-Artikolu 15(5) u (6) tad-Direttiva dwar ir-Ritorn (massimu ta' sitt xhur, li jista' jiġi mtawwal f'ċerti ċirkostanzi b'perjodu addizzjonali ta' mhux aktar minn 12-il xahar) jibqa' l-istess, u għalhekk il-perjodu ta' detenzjoni li jista' jseħħ matul il-proċedura fuq il-fruntiera biex jitwettag ir-ritorn għandu jiġi inkluż f'dak il-limitu ta' żmien.

- **It-terminazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera u d-dritt li wieħed jidħol fit-territorju:** Fejn il-proċedura tal-ażil tkun għadha għaddejja fi tmiem l-iskadenza għall-konklużjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru għat-tlestija tal-proċedura tal-ażil. Id-dħul ma għandux jiġi awtorizzat meta l-applikant ma jkollux aktar dritt li jibqa' u ma jitħallix jibqa'. F'każ li tkun diġà nħarġet deċiżjoni tar-ritorn, l-applikant għandu, minflok, ikun soġġett għall-proċedura fuq il-fruntiera tar-ritorn, li ma tistax iddum aktar minn 12-il ġimgħa; ladarba jiskadi dan il-perjodu, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz residenti illegalment ikun soġġett għall-proċedura tar-ritorn stabbilita mid-Direttiva dwar ir-Ritorn.
- **It-trasferibbiltà tal-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil u tar-ritorn:** Il-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil u tar-ritorn tista' tiġi applikata fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak li fih tkun saret l-applikazzjoni għall-ażil. Skont l-Artikolu 41(8) il-ġdid, fejn il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera jkunu ssodisfati fl-Istat Membru fejn tkun saret l-applikazzjoni, l-Istat Membru li fih l-

applikant ikun ġie rilokat skont l-Artikolu [x] tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni] jista' japplika l-proċeduri fuq il-fruntiera tal-ażil u tar-ritorn. Il-proċeduri fuq il-fruntiera tal-ażil u tar-ritorn jistgħu jiġu applikati wkoll mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni fejn applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ssir biss f'dak l-Istat Membru wara rilokazzjoni (l-Artikolu 41(1)(d) il-ġdid).

Fil-qosor, għandha tiġi applikata proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil għal talbiet għall-ażil li jkunu abbużivi b'mod ċar, jew fejn l-applikant ikun ta' theddida għas-sigurtà jew li x'aktarx ma jkunx jeħtieġ protezzjoni internazzjonali minħabba r-rata ta' rikonoxximent tan-nazzjonalità tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jużaw proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil fuq il-bażi tal-ammissibbiltà tal-applikazzjoni jew fuq il-merti tal-applikazzjoni, fejn l-applikazzjoni għandha tiġi eżaminata fi proċedura aċċellerata. Fl-aħħar nett, f'każijiet fejn, mill-bidu nett, ikun improbabbli li r-riammissjoni ta' dawn il-persuni, f'każ ta' deċizzjoni negattiva dwar l-applikazzjoni tagħhom għall-ażil, tkun ta' suċċess, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil iżda minflok jużaw il-proċedura normali tal-ażil. Il-proċedura normali tal-ażil tkun tapplika għat-talbiet l-oħrajn kollha għall-ażil. Tfal mhux akkumpanjati u tfal li għandhom inqas minn 12-il sena mal-membri tal-familja tagħhom se jkunu eżentati mill-proċedura fuq il-fruntiera sakemm ma jkunx hemm tħassib dwar is-sigurtà.

3. Proċedura tal-ażil u tar-ritorn minn tarf sa tarf

Jeħtieġ ukoll li tiġi stabbilita rabta bla intoppi bejn l-istadji kollha tal-proċess ta' migrazzjoni għall-migranti li jkunu evitaw l-iskrinjar jew li jkunu ġew awtorizzati li jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru biex it-talbiet għall-ażil tagħhom jiġu pproċessati fil-proċedura normali tal-ażil. Għal dan il-għan, huma meħtieġa bidliet immirati għall-proposta tal-Kummissjoni tal-2016 biex il-migranti ma jitħallewx idewmu l-proċeduri għall-iskop uniku li jevitaw li jitneħħew mill-Unjoni u jużaw ħażin is-sistema tal-ażil. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-effettività tal-proċedura ta' appell, speċjalment fir-rigward tal-proċedura fuq il-fruntiera, u d-dritt relatat li l-applikant jibqa' (effett ta' sospensjoni), b'mod partikolari fir-rigward ta' applikazzjonijiet sussegwenti, kwistjoni mqajma minn għadd ta' Stati Membri matul il-konsultazzjonijiet dwar il-Patt il-ġdid.

– **Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-ażil u r-ritorn, inkluż l-appelli**

– L-Artikolu 35a l-ġdid jirrikjedi li l-Istati Membri joħorġu deċizzjonijiet dwar l-ażil u r-ritorn fl-istess att jew, jekk f'atti separati, fl-istess ħin u flimkien. L-Artikolu 53(1) il-ġdid jissimplifika l-proċeduri ta' appell għall-ażil u r-ritorn billi jiżgura d-dritt għal rimedju effettiv kemm għad-deċizzjonijiet dwar l-ażil kif ukoll għal dawk għar-ritorn quddiem l-istess qorti jew tribunal u fl-istess proċedimenti ġudizzjarji u limiti ta' żmien. Dawn ir-regoli jiżguraw li l-proċedura tar-ritorn ma tiddewwimx bla bżonn u jnaqqsu r-riskju li l-applikant għall-ażil li jkun ġie rrifjutat jaħrab jew jipprevjeni t-tneħħija tiegħu jew tagħha, filwaqt li jiżguraw ir-rispett tad-dritt fundamentali għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal.

- Fil-proposta tal-2016, il-Kummissjoni pproponiet li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu eċċezzjoni mid-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju tagħhom f'każ ta' applikazzjonijiet sussegwenti fejn applikazzjoni sussegwenti tkun ġiet rifjutata mill-awtorità determinanti bħala inammissibbli jew manifestament bla bażi, jew fil-każ ta' applikazzjoni sussegwenti oħra. Filwaqt li tqis il-konsultazzjonijiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni tqis li hemm lok għal aktar eċċezzjonijiet għad-dritt li wieħed jibqa', fil-każ ta' applikazzjonijiet sussegwenti, sakemm tali eċċezzjonijiet ikunu mfassla bir-reqqa. Għalhekk,

skont il-punt (a) il-ġdid tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 43, applikant li jippreżenta applikazzjoni sussegwenti ma għandux ikun awtorizzat li jibqa' sakemm tiġi ffinalizzata d-deċiżjoni li tiddikjara li l-applikazzjoni mhijiex ammissibbli meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin: it-tneħħija tkun imminenti; għandu jkun ċar li l-applikazzjoni tkun qed issir biss sabiex tittardja jew tfixxkel it-tneħħija; u għandu jkun ċar mill-ewwel lill-awtorità determinanti li ma jkun ġie ppreżentat l-ebda element ġdid; ma jkun hemm l-ebda riskju ta' *refoulement*; u l-applikazzjoni sussegwenti tkun ġiet ippreżentata fi żmien sena mid-deċiżjoni mill-awtorità determinanti dwar l-applikazzjoni inizjali. Sabiex ikunu jistgħu japplikaw din ir-regola, l-Istati Membri se jkollhom jorganizzaw il-proċeduri b'tali mod li l-awtorità determinanti tkun tista' tiegħu tali deċiżjoni, filwaqt li tivvaluta jekk dawn il-kriterji kollha humiex issodisfati kemm jista' jkun malajr wara li tkun saret l-applikazzjoni sussegwenti, jekk dan ma jsirx, għandha tapplika r-regola prinċipali tal-applikant li jkollu d-dritt li jibqa' filwaqt li tiġi eżaminata l-applikazzjoni sussegwenti.

- Fl-interess taċ-ċarezza, l-Artikoli 53 u 54 huma inklużi fl-intier tagħhom f'din il-proposta. Ma ġiet proposta l-ebda bidla sinifikanti għall-proposta tal-2016 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mal-prinċipju bażiku ta' rimedju effettiv, interpretazzjoni u traduzzjoni fl-istadju tal-appell, u l-proċedura relatata mal-ġoti ta' dritt li wieħed jibqa'.
- L-Artikolu 53(2) il-ġdid iżomm il-possibbiltà, li teżisti llum, skont id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil li appell kontra deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni bħala bla bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat jiġi kkunsidrat bħala inammissibbli f'konformità mal-liġi nazzjonali fejn status sussidjarju mogħti mill-Istat Membru joffri l-istess drittijiet u benefiċċji bħal status ta' rifuġjat taħt il-liġi tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali.
- L-Artikolu 53(7) il-ġdid jipprevedi perjodi ta' żmien minimi u massimi għall-applikanti biex jippreżentaw appelli tal-ewwel livell aktar milli limiti ta' żmien eżatti kif propost fl-2016 sabiex jiġi żgurat ċertu livell ta' armonizzazzjoni filwaqt li jitqiesu l-fehmiet tal-Istati Membri kif espressi f'negozjati dwar il-proposta tal-2016. Għal dan il-għan, issir distinzjoni bejn deċiżjonijiet meħuda fil-proċedura aċċellerata jew tal-fruntiera, li għalihom, l-iskadenzi biex isir appell jistgħu jkunu iqsar, inkluż fir-rigward ta' applikazzjonijiet sussegwenti, u deċiżjonijiet oħrajn.
- Skont l-Artikolu 53(9) il-ġdid, l-Istati Membri ma għandhomx jagħtu lill-applikanti l-possibbiltà li jippreżentaw, kontra deċiżjoni meħuda fil-proċedura fuq il-fruntiera, appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell.
- L-Artikolu 54(1) il-ġdid jiċċara li l-effetti legali kollha ta' deċiżjoni tar-ritorn maħruġin flimkien ma' deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu sospiżi sakemm l-applikant ikollu d-dritt li jibqa' jew jitħalla jibqa' f'konformità mar-Regolament. Dan huwa konformi mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-181/16, Gnandi, li ċċarat li l-effetti legali ta' deċiżjoni tar-ritorn għandhom jiġu sospiżi meta jkun għaddej appell kontra rifjut ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz igawdi minn dritt li jibqa' f'konformità mar-Regolament ta' Proċedura tal-Ażil.
- L-Artikolu 54(3) il-ġdid jestendi ċ-ċirkostanzi fejn l-applikant ma għandux ikollu dritt awtomatiku li jibqa' għall-finijiet ta' appell biex jinkludu wkoll

deċiżjonijiet li jirrifjutaw applikazzjonijiet sussegwenti, deċiżjonijiet biex tiġi rtirata l-protezzjoni internazzjonali f'każijiet speċifiċi fejn tkun tapplika raġuni ta' esklużjoni jew fejn il-benefiċjarju jitqies bħala periklu għas-sigurtà ta' Stat Membru jew fejn ikun instab ħati ta' reat partikolarment serju.

- Għas-sitwazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-proposta żżomm il-prinċipju ġenerali li l-applikanti għandu jkollhom id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien għal talba lil qorti jew tribunal sabiex jitħallew jibqgħu u, fejn l-applikant ikun għamel tali talba, sakemm tittieħed id-deċiżjoni tal-qorti jew tat-tribunal dwar jekk l-applikant għandux jitħalla jibqa' jew le. Madankollu, bħala eċċezzjoni, l-Artikolu 54(7) il-ġdid jipprevedi l-possibbiltà li ma jingħatax tali dritt li wieħed jibqa' fil-każ ta' appell kontra deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni sussegwenti, mingħajr preġudizzju għar-rispett tal-prinċipju ta' *non-refoulement*. F'dawn is-sitwazzjonijiet, l-applikant diġà kellu l-applikazzjonijiet tiegħu vvalutati fuq il-merti mill-inqas tliet darbiet – l-applikazzjoni inizjali mill-awtorità determinanti, mill-inqas livell wieħed ta' appell, u valutazzjoni oħra fuq il-merti tal-applikazzjoni sussegwenti tiegħu/tagħha. Huwa għalhekk proporzjonat f'dawn iċ-ċirkostanzi li d-deċiżjoni tar-ritorn tkun tista' tiġi infurzata immedjatament. Tali possibbiltà għandha madankollu tiġi pprovduta biss soġġetta għall-istess kundizzjonijiet bħal fl-Artikolu 43 (ara hawn fuq), bl-eċċezzjoni tar-regola ta' sena minħabba li, fi kwalunkwe każ, l-appell għad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni sussegwenti jeħtieġ li jsir fil-limiti taż-żmien stabbiliti.

– **Applikazzjonijiet sussegwenti:** Sabiex jiġu skoraġġuti applikazzjonijiet abbużivi jew sussegwenti tal-aħħar minuta, qed jiġu proposti regoli aktar b'saħħithom għal meta l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-applikanti biex jibqgħu, fil-każ ta' applikazzjonijiet sussegwenti.

- Meta jitqiesu flimkien, ir-regoli spjegati hawn fuq ifissru li dan li ġej se japplika għal applikazzjonijiet sussegwenti:
 - Applikazzjoni sussegwenti għandha, bħala regola ġenerali, effett sospensiv awtomatiku fl-istadju amministrattiv.
 - Bħala eċċezzjoni, applikazzjoni sussegwenti ma għandha l-ebda effett sospensiv fl-istadju amministrattiv jekk issir matul l-aħħar stadji tal-proċedura tar-ritorn, biex tfixkel it-tneħħija u jkun immedjatament ċar li ma jkun ġie ppreżentat l-ebda element ġdid. Din l-eċċezzjoni hija applikabbli biss fi żmien sena mill-mument meta tkun ittieħdet deċiżjoni fuq l-ewwel applikazzjoni
 - Appell kontra applikazzjoni sussegwenti ma għandu l-ebda effett sospensiv awtomatiku, iżda jista' jintalab mill-applikant, u filwaqt li din it-talba tkun pendent fil-Qorti, l-applikant għandu jkollu d-dritt li jibqa'
 - Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn din ir-regola u jipprovdu, li ma hemm l-ebda effett sospensiv fl-istadju tal-appell, u l-applikant ma għandu l-ebda dritt li jibqa' sakemm issir talba biex jingħata tali dritt jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet kif spjegat hawn fuq.

- It-tieni appell, jew dak sussegwenti, għal applikazzjoni sussegwenti ma għandux effett sospensiv awtomatiku.

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE

Il-proposta COM (2016) 467 final għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li tħassar id-Direttiva 2013/32/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-ewwel preambolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2)(d) u 79(2)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(2) Il-premessa 31 hija sostitwita b'dan li ġej:

“(31) Sabiex ikunu garantiti d-drittijiet tal-applikant, deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tingħata bil-miktub. Fejn id-deċiżjoni ma tagħtix protezzjoni internazzjonali, l-applikant jenħtieġ li jingħata raġunijiet fil-fatt u fil-liġi, informazzjoni dwar il-konsegwenzi tad-deċiżjoni u l-modalitajiet għall-kontestazzjoni tagħha.

(31a) Sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri u biex jitnaqqas ir-riskju ta' ħarba u l-probabbiltà ta' movimenti mhux awtorizzati, jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda vojt proċedurali bejn il-ħruġ ta' deċiżjoni negattiva dwar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u ta' deċiżjoni tar-ritorn. Deċiżjoni tar-ritorn jenħtieġ li tinħareġ immedjatament lill-applikanti li l-applikazzjonijiet tagħhom jiġu miċħuda. Mingħajr preġudizzju għad-dritt għal rimedju effettiv, id-deċiżjoni tar-ritorn jenħtieġ li tkun jew parti mid-deċiżjoni negattiva dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew, jekk tkun att separat, tinħareġ fl-istess ħin u flimkien mad-deċiżjoni negattiva.”

(3) Il-premessa li ġejja tiddaħħal wara l-premessa (39):

“(39a) Fl-interess ta' proċeduri rapidi u ġusti għall-applikanti kollha, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li s-soġġorn ta' applikanti li ma jikkwalifikawx għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni ma jittawwalx bla bżonn, inklużi dawk li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mir-rekwiżit li jkunu fil-pussess ta' viża skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1806, l-Istati Membri jenħtieġ li jaċċelleraw l-eżami tal-applikazzjonijiet ta' applikanti li huma ċittadini jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, eks residenti abitwali ta' pajjiżi terzi li għalihom, is-sehem tad-deċiżjonijiet li jaġhtu protezzjoni internazzjonali huwa inqas minn 20 % tan-numru totali ta' deċiżjonijiet għal dak il-pajjiżi terzi. Fejn tkun seħħet bidla sinifikanti fil-pajjiżi terzi ikkonċernat

minn mindu ġiet ippubblikata d-data rilevanti tal-Eurostat u b'kont meħud tan-nota ta' gwida skont l-Artikolu 10 tar-Regolament XX/XX dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ażil, jew fejn l-applikant jappartjeni għal kategorija speċifika ta' persuni li għalihom ir-rata baxxa ta' rikonossiment ma tistax titqies bħala rappreżentattiva tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom minħabba raġuni speċifika ta' persekuzzjoni, l-eżami tal-applikazzjoni jenħtieġ li ma jiġix aċċellerat. Il-każijiet fejn pajjiż terz jista' jitqies bħala pajjiż ta' oriġini bla periklu jew pajjiż terz bla periklu għall-applikant skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jibqgħu applikabbli bħala raġuni separata għal, rispettivament, il-proċedura aċċellerata ta' eżami jew il-proċedura inammissibbli.

(4) Il-premessa 40 hija sostitwita b'dan li ġej:

“(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera esterna jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru, spiss minn persuni maqbuda b'konnessjoni ma' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna jew żbarkati wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ. Sabiex jitwettaq skrinjar ta' identifikazzjoni, sigurtà u saħħa fil-fruntiera esterna u sabiex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat ikkonċernati jiġu diretti għall-proċeduri rilevanti, huwa meħtieġ skrinjar. Jenħtieġ li jkun hemm rabtiet effiċjenti u bla intopp bejn l-istadji kollha tal-proċeduri rilevanti għall-wasliet irregolari kollha. Wara l-iskrinjar, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat jenħtieġ li jiġu direzzjonati għall-proċedura xierqa tal-ażil jew tarritorn, jew jiġu miċħudin id-dħul. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita fażi ta' qabel id-dħul li tikkonsisti fi proċeduri ta' skrinjar u tal-fruntieri għall-ażil u r-ritorn.”

(5) Il-premessi li ġejjin qed jiżdiedu wara l-premessa (40):

“(40a) L-għan tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-ażil u r-ritorn jenħtieġ li jkun li jiġi vvalutat malajr fil-fruntieri esterni jekk l-applikazzjonijiet humiex bla bażi jew inammissibbli u li dawk mingħajr dritt ta' permanenza jiġu rritornati malajr, filwaqt li jiġi żgurat li dawk bi pretensjonijiet fondati jiġu direzzjonati lejn il-proċedura regolari u jingħataw aċċess rapidu għall-protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri jenħtieġ għalhekk li jkunu jistgħu jitolbu lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali biex jibqgħu fil-fruntiera esterna jew f'żona ta' tranżitu sabiex jivvalutaw l-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet. F'ċirkostanzi definiti sew, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu għall-eżami tal-merti ta' applikazzjoni u, fil-każ ta' ċaħda tal-applikazzjoni, għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat ikkonċernati fil-fruntieri esterni.

(40b) L-Istat Membru jenħtieġ li jivvaluta l-applikazzjonijiet fi proċedura fuq il-fruntiera fejn l-applikant ikun ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku, fejn l-applikant inganna lill-awtoritajiet billi ppreżenta informazzjoni jew dokumenti foloz jew billi żamm għalih informazzjoni jew dokumenti rilevanti fir-rigward tal-identità jew tan-nazzjonalità tiegħu li setgħu kellhom impatt negattiv fuq id-deċiżjoni u fejn x'aktarx l-applikazzjoni hija bla bażi minħabba li l-applikant huwa ta' nazzjonalità li għaliha d-deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali huma inqas minn 20 % tan-numru totali ta' deċiżjonijiet għal dak il-pajjiż terz. F'każijiet oħra, bħal meta l-applikant ikun minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew minn pajjiż terz bla periklu, l-użu tal-proċedura fuq il-fruntiera jenħtieġ li jkun fakultattiv għall-Istati Membri.

(40c) Meta japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jsiru l-arranġamenti meħtieġa biex jakkomodaw lill-applikanti fil-fruntiera esterna jew fiż-

żoni ta' tranżitu, skont id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar il-kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]. L-Istati Membri jistgħu jipproċessaw l-applikazzjonijiet f'post differenti fil-fruntiera esterna minn dak fejn issir l-applikazzjoni għall-ażil billi jittrasferixxu lill-applikanti għal post speċifiku fil-fruntiera esterna ta' dak l-Istat Membru jew fil-viċinanza ta' din il-fruntiera, fejn jeżistu faċilitajiet adatti. L-Istati Membri jenħtieġ li jżommu d-diskrezzjoni fid-deċiżjoni dwar f'liema postijiet speċifiċi fil-fruntieri esterni jenħtieġ li jiġu stabbiliti tali faċilitajiet. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jfittxu li jillimitaw il-ħtieġa għat-trasferiment tal-applikanti għal dan il-għan, u għalhekk jimmiraw li jistabbilixxu tali faċilitajiet b'kapaċità suffiċjenti fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, jew taqsimiet tal-fruntiera esterna, fejn issir il-maġġoranza tan-numru ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, filwaqt li jitqies ukoll it-tul tal-fruntiera esterna u n-numru ta' punti ta' qsim tal-fruntiera jew żoni ta' tranżitu. Huma jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-postijiet speċifiċi fil-fruntiera esterna, fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-prossimità tal-fruntiera esterna fejn se jitwettqu l-proċeduri tal-fruntiera. F'każijiet fejn tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera, u l-kapaċità tal-postijiet fi jew qrib il-fruntiera esterna kif innotifikat minn Stat Membru tinqabeż temporanjament, l-Istati Membri jistgħu jipproċessaw dawk l-applikazzjonijiet f'post ieħor fit-territorju tagħhom, għall-iqsar żmien possibbli.

- (40d) F'każ fejn l-użu tal-proċedura fuq il-fruntiera jkun obbligu, l-Istati Membri, bħala eċċezzjoni, jenħtieġ li ma jkunux meħtieġa japplikawha għall-eżami ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali minn ċittadini ta' pajjiż terz li ma jikkooperax biżżejjed fuq ir-riammissjoni, minħabba li f'dak il-każ, ma jkunx probabbli li l-persuni kkonċernati jirritornaw malajr, wara li l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu ġew rifjutati. Id-determinazzjoni ta' jekk pajjiż terz ikunx qed jikkoopera b'mod suffiċjenti dwar ir-riammissjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.
- (40e) It-tul ta' żmien tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jkun qasir kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin jiggarrantixxi eżami sħiħ u ġust tat-talbiet. Fi kwalunkwe każ jenħtieġ li ma jaqbiżx it-12-il ġimgħa. Din l-iskadenza jenħtieġ li tinftiehem bħala skadenza awtonoma għall-proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil, li tinkludi kemm id-deċiżjoni dwar l-eżami tal-applikazzjoni kif ukoll id-deċiżjoni tal-ewwel livell ta' appell, jekk applikabbli. F'dan il-perjodu, l-Istati Membri huma intitolati li jistabbilixxu l-iskadenza fil-liġi nazzjonali kemm għall-istadju amministrattiv kif ukoll għall-istadju tal-appell, iżda jenħtieġ li jistabbilixxuhom b'mod li jiżguraw li l-proċedura ta' eżami tiġi konklużi u li sussegwentement, jekk ikun rilevanti, id-deċiżjoni dwar l-ewwel livell ta' appell tinħareġ f'dan il-massimu ta' 12-il ġimgħa. Wara dak il-perjodu, jekk l-Istat Membru xorta waħda jkun naqas milli jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti, fil-prinċipju, l-applikant jenħtieġ li jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru. Madankollu, id-dħul fit-territorju jenħtieġ li ma jiġix awtorizzat fejn l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa', fejn ma jkunx talab li jitħalla jibqa' għall-finijiet ta' proċedura ta' appell, jew fejn qorti jew tribunal ikunu ddeċidew li jenħtieġ li ma jitħalliex jibqa' sakemm joħroġ ir-riżultat ta' proċedura ta' appell. F'każijiet bħal dawn, biex tiġi żgurata l-kontinwità bejn il-proċedura tal-ażil u l-proċedura tar-ritorn, il-proċedura tar-ritorn jenħtieġ li titwettaq ukoll fil-kuntest ta' proċedura fuq il-fruntiera għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il ġimgħa. Dan il-perjodu jenħtieġ li jibda mill-mument li fih l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu jew ma jitħallewx jibqgħu.

- (40f) Filwaqt li l-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tista' tiġi applikata mingħajr rikors għad-detenzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li madankollu jkunu jistgħu japplikaw ir-raġunijiet għad-detenzjoni matul il-proċedura fuq il-fruntiera skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] (UE) XXX/XXX sabiex jiddeċiedu dwar id-dritt tal-applikant li jidħol fit-territorju. Jekk matul tali proċedura tintuża d-detenzjoni, jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-detenzjoni tad-Direttiva (UE) XXX/XXX [Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza], inkluż il-garanziji għal applikanti detenuti u l-fatt li valutazzjoni individwali ta' kull każ hija meħtieġa, il-kontroll għidizzjarju u l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni.
- (40g) Meta applikazzjoni tiġi miċħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera, l-applikant, ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ikkonċernati jenħtieġ li jkunu immedjatament soġġetti għal deċiżjoni tar-ritorn jew, fejn il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ ikunu ssodisfati, għal rifjut tad-dħul. Biex jiggarantixxu t-trattament ugwali taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li l-applikazzjoni tagħhom tkun ġiet miċħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera, fejn Stat Membru jkun iddeċieda li ma japplikax id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] bis-saħħa tal-Artikolu 2(2), punt (a), ta' dik id-Direttiva u ma jidherx deċiżjoni tar-ritorn liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, it-trattament u l-livell ta' protezzjoni tal-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ikkonċernati jenħtieġ li jkunu f'konformità mal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] u jkunu ekwivalenti għal daww applikabbli għal persuni soġġetti għal deċiżjoni tar-ritorn.
- (40h) Meta tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn, ċerti dispożizzjonijiet tad-[id-Direttiva riformulata dwar ir-Ritorn] jenħtieġ li japplikaw peress li dawn jirregolaw elementi tal-proċedura tar-ritorn li mhumiex determinati minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari daww dwar id-definizzjonijiet, dispożizzjonijiet aktar favorevoli, *non-refoulement*, l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat tas-saħħa, ir-riskju ta' ħarba, l-obbligu ta' kooperazzjoni, il-perjodu għat-tluq volontarju, id-deċiżjoni tar-ritorn, it-tneħħija, il-posponiment tat-tneħħija, ir-ritorn u t-tneħħija ta' minorenni mhux akkumpanjati, projbizzjonijiet ta' dħul, salvagwardji sakemm jaslu lura, detenzjoni, kundizzjonijiet ta' detenzjoni, detenzjoni ta' minuri u familji f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Biex jitnaqqas ir-riskju ta' dħul u moviment mhux awtorizzat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn, jista' jingħata perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx il-15-il jum lil ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' konformità volontarja mal-obbligu tar-ritorn fi kwalunkwe mument.
- (40i) Fejn applikant, ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li kienu detenuti waqt il-proċedura tal-fruntiera għall-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali ma jkollhomx aktar dritt li jibqgħu u ma jkunux tħallew jibqgħu, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jkomplu d-detenzjoni bil-għan li jipprevjenu d-dħul fit-territorju u jwettqu l-proċedura tar-ritorn, filwaqt li jirrispettaw il-garanziji u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni stabbiliti fid-Direttiva XXX/XXX/UE

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 077, 23.3.2016, p. 1).

[id-Direttiva dwar ir-Ritorn]. Applikant, ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li ma kienx detenut waqt il-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, u li ma għadx għandu d-dritt li jibqa' u li ma kienx permess li jibqa', jista' jiġi detenut ukoll jekk ikun hemm riskju ta' ħarba, jekk dan jevita jew ifixkel ir-ritorn, jew jekk hu jew hi jkun ta' riskju għall-politika pubblika, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali. Id-detenzjoni jenħtieġ li tkun għal perjodu qasir u kemm jista' jkun jenħtieġ li ma taqbiżx it-tul massimu tal-proċedura fuq il-fruntiera biex jitwettaq ir-ritorn. Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz residenti illegalment ma jirritornax jew ma jitneħħiex f'dak il-perjodu u l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn ma tibqax tapplika, jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-[id-Direttiva riformulata dwar ir-Ritorn]. Il-perjodu massimu ta' detenzjoni stabbilit mill-Artikolu 15 ta' dik id-Direttiva jenħtieġ li jinkludi l-perjodu ta' detenzjoni applikat matul il-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn tagħna.

- (40j) Jenħtieġ li jkun possibbli għal Stat Membru li applikant ikun ġie rilokat fih, skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] li jeżamina l-applikazzjoni fi proċedura fuq il-fruntiera sakemm l-applikant ma jkunx għadu ġie awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istati Membri u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' tali proċedura mill-Istat Membru li minnu l-applikant ġie rilokat ikunu ssodisfati.”
- (6) Il-premessa li ġejja tiddaħħal wara l-premessa (44):
- “(44a) Applikant li jippreżenta applikazzjoni sussegwenti fl-aħħar minuta sempliċement sabiex jittardja jew biex ifixkel it-tneħħija tiegħu jew tagħha jenħtieġ li ma jkunx awtorizzat li jibqa' jistenna sal-finalizzazzjoni tad-deċiżjoni li tiddikjara l-applikazzjoni bħala inammissibbli f'każijiet fejn ikun ċar immedjatament għall-awtorità determinanti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid u ma hemm l-ebda riskju ta' *refoulement* u sakemm l-applikazzjoni ssir fi żmien sena mid-deċiżjoni mill-awtorità determinanti dwar l-ewwel applikazzjoni. L-awtorità determinanti għandha toħroġ deċiżjoni skont il-liġi nazzjonali li tikkonferma li dawn il-kriterji huma ssodisfati sabiex l-applikant ma jkunx awtorizzat jibqa'.”
- (7) Il-premessi 65 u 66 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:
- “(65) Sabiex applikant ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju effettiv kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, l-effetti kollha tad-deċiżjoni tar-ritorn jenħtieġ li jiġu sospiżi awtomatikament sakemm l-applikant ikollu d-dritt li jibqa' jew li jitħalla jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru. Sabiex tittejjeb l-effettività tal-proċeduri fil-fruntiera esterna, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv, l-appelli kontra deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera jenħtieġ li jsiru biss quddiem livell wieħed ta' ġuriżdizzjoni ta' qorti jew tribunal.
- (66) L-applikanti, fil-prinċipju, jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' appell quddiem qorti jew tribunal ta' prim'istanza, u, fejn tali dritt jiġi eżerċitat fil-limitu ta' żmien stabbilit, sakemm joħroġ l-eżitu tal-appell. Huwa biss fil-każijiet limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament, fejn l-applikazzjonijiet x'aktarx ikunu bla bażi, li l-applikant jenħtieġ li ma jkollux dritt awtomatiku li jibqa' għall-finijiet tal-appell.
- (8) Il-premessi li ġejjin qed jiżdiedu wara l-premessa (66):

- “(66a) F’każijiet fejn l-applikant ma jkollu l-ebda dritt awtomatiku li jibqa’ għall-finijiet tal-appell, qorti jew tribunal jenħtieġ li xorta jkunu jistgħu jippermettu lill-applikant jibqa’ fit-territorju tal-Istat Membru, skont xi jkun ir-riżultat tal-appell, fuq talba tal-applikant jew fuq inizjattiva tiegħu stess. F’każijiet bħal dawn, l-applikanti jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jibqgħu sakemm jiskadi l-limitu ta’ żmien għat-talba lil qorti jew lil tribunal biex jitħallew jibqgħu u, fejn l-applikant ikun ippreżenta talba bħal din fil-limitu ta’ żmien stabbilit, sakemm tittieħed id-deċiżjoni tal-qorti jew tat-tribunal kompetenti. Sabiex jiġu skoraġġuti applikazzjonijiet abbużivi jew sussegwenti tal-aħħar minuta, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprevedu fil-liġi nazzjonali li l-applikanti jenħtieġ li ma jkollhom l-ebda dritt li jibqgħu matul dak il-perjodu fil-każ ta’ applikazzjonijiet sussegwenti rifjutati, bil-għan li jiġu evitati applikazzjonijiet sussegwenti bla bażi ulterjuri. Fil-kuntest tal-proċedura biex jiġi ddeterminat jekk l-applikant jenħtieġ li jitħalla jibqa’ jew le sakemm jinqata’ l-appell, id-drittijiet ta’ difiża tal-applikant jenħtieġ li jkunu garantiti b’mod adegwat billi huwa jiġi pprovdut bl-interpretazzjoni u bl-assistenza legali meħtieġa. Barra minn hekk, il-qorti jew it-tribunal kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jeżaminaw id-deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti ta’ protezzjoni internazzjonali f’termini ta’ fatti u punti tal-liġi.
- (66b) Sabiex jiġu żgurati ritorni effettivi, l-applikanti jenħtieġ li ma jkollhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru fl-istadju tat-tieni appell jew f’livell ieħor quddiem qorti jew tribunal kontra deċiżjoni negattiva dwar l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li qorti jew tribunal jippermettu lill-applikant jibqa’. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jagħtux lill-applikanti l-possibbiltà li jressqu appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta’ appell fir-rigward ta’ deċiżjoni meħuda fi proċedura fuq il-fruntiera.
- (66c) Biex tiġi żgurata l-konsistenza tar-reviżjoni legali mwettqa minn qorti jew tribunal dwar deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u d-deċiżjoni ta’ akkumpanjament dwar ir-ritorn, u bil-ħsieb li jitħaffef l-eżami tal-każ u jitnaqqas il-piż fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, tali deċiżjonijiet jenħtieġ li jkunu soġġetti għal proċedimenti komuni quddiem l-istess qorti jew tribunal.
- (66d) Sabiex jiġu żgurati l-ġustizzja u l-oġġettività fil-ġestjoni tal-applikazzjonijiet u l-effettività fil-proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti ta’ żmien għall-proċedura amministrattiva.
- (9) [UK- Premessa 77]
- (10) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej
- (i) “membru tal-familja”
- (11) Fl-Artikolu 26, jiżdied dan il-paragrafu li ġej:
- “3. Għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw biss wara li jkun intemm l-iskrinjar.”
- (12) Fl-Artikolu 27, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:
- “5. Għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], il-paragrafi 1 sa 4 għandhom japplikaw biss wara li jkun intemm l-iskrinjar.
6. Fejn id-*data* bijometrika ma setgħetx tittieħed matul l-iskrinjar skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac] jew fejn l-applikant ma kienx soġġett għal skrinjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu d-*data*

bijometrika mhux aktar tard minn meta ssir ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u jittrażmettuha flimkien mad-*data* msemija fl-Artikolu 12 (c) sa (p) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac] lis-Sistema Ċentrali u lir-Repożitorju tal-Identità Komuni rispettivament skont dak ir-Regolament.”

- (13) Jiddaħħal l-Artikolu 35a ġdid li ġej:

“Artikolu 35a

Iċ-ċaħda ta’ applikazzjoni u l-ħruġ ta’ deċiżjoni tar-ritorn

Fejn applikazzjoni tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, bla bażi jew manifestament bla bażi fir-rigward kemm tal-istatus ta’ rifuġjat u tal-istatus ta’ protezzjoni sussidjarja, jew tiġi irtirata impliċitament jew espliċitament, l-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni tar-ritorn li tirrispetta d-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]. Id-deċiżjoni tar-ritorn għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta’ rifjut tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew f’att separat. Fejn id-deċiżjoni tar-ritorn tinħareġ bħala att separat, din għandha tinħareġ fl-istess ħin u flimkien mad-deċiżjoni ta’ rifjut tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.”

- (14) L-Artikolu 40 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:

“(i) l-applikant huwa ta’ nazzjonalità jew, fil-każ ta’ persuni mingħajr Stat, eks-resident abitwali ta’ pajjiż terz li għalih il-proporzjon ta’ deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali huwa, skont l-aħħar *data* medja annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha, 20 % jew inqas, sakemm ma jkunx hemm bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat minn meta tkun ġiet ippubblikata d-*data* rilevanti tal-Eurostat jew l-applikant jappartjeni għal kategorija ta’ persuni li għalihom il-proporzjon ta’ 20 % jew inqas ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv għall-ħtiġijiet ta’ protezzjoni tagħhom;”

- (b) fil-paragrafu 5, jiżdied il-punt li ġej:

“(c) l-applikant huwa ta’ nazzjonalità jew, fil-każ ta’ persuni mingħajr Stat, eks-resident abitwali ta’ pajjiż terz li għalih il-proporzjon ta’ deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali huwa, skont l-aħħar *data* tal-Eurostat annwali disponibbli għall-Unjoni kollha, 20 % jew inqas, sakemm ma jkunx hemm bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat minn meta tkun ġiet ippubblikata d-*data* rilevanti tal-Eurostat jew l-applikant ikun jappartjeni għal kategorija ta’ persuni li għalihom il-proporzjon ta’ 20 % jew inqas ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv għall-ħtiġijiet ta’ protezzjoni tagħhom;”

- (15) L-Artikolu 41 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 41

Proċedura tal-fruntiera għall-eżami tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali

1. Wara l-proċedura ta’ skrinjar imwettqa skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], u sakemm l-applikant ma jkunx għadu ġie awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istati Membri, Stat Membru jista’ jeżamina applikazzjoni fi proċedura fuq il-fruntiera fejn dik l-applikazzjoni tkun saret minn

ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr Stat li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għad-dħul fit-territorju ta' Stat Membru kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399. Il-proċedura fuq il-fruntiera tista' ssir:

- (a) wara applikazzjoni magħmula f'punt ta' qsim tal-fruntiera esterna jew f'żona ta' tranżitu;
 - (b) wara li jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna;
 - (c) wara l-iżbark fit-territorju ta' Stat Membru wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ;
 - (d) wara r-rilokazzjoni skont l-Artikolu [X] tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [l-ex Regolament ta' Dublin].
2. Fejn tiġi applikata proċedura fuq il-fruntiera, jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet dwar dan li ġej:
- (a) l-inammissibbiltà ta' applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 36;
 - (b) il-merti ta' applikazzjoni fi proċedura aċċellerata ta' eżami fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(1).
3. Stat Membru għandu jeżamina applikazzjoni fi proċedura fuq il-fruntiera fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 fejn japplikaw iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 40(1), il-punt (c), (f) jew (i).
4. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafu 3 għal ċittadini nazzjonali jew persuni mingħar Stat li huma residenti abitwali ta' pajjiżi terzi li għalihom dak l-Istat Membru jkun ippreżenta notifika lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 25a(3) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.
- Fejn, wara l-eżami mwettaq skont l-Artikolu 25a(4) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, il-Kummissjoni tqis li l-pajjiż terz qed jikkoopera biżżejjed, l-Istat Membru għandu jerġa' japplika d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3.
- Fejn il-Kummissjoni tqis li l-pajjiż terz ikkonċernat ma jkunx qed jikkoopera biżżejjed, l-Istat Membru jista' jkompli ma japplikax il-paragrafu 3:
- (a) sakemm att ta' implimentazzjoni adottat preċedentement mill-Kunsill skont l-Artikolu 25a(5) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 jiġi revokat jew jiġi emendat;
 - (b) fejn il-Kummissjoni ma tqisx li tkun meħtieġa azzjoni skont l-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, sakemm il-Kummissjoni tirrapporta fil-valutazzjoni tagħha mwettqa skont il-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu li hemm bidliet sostanzjali fil-kooperazzjoni tal-pajjiż terz ikkonċernat.
5. Il-proċedura fuq il-fruntiera tista' tiġi applikata biss għal minorenni mhux akkumpanjati u għal minorenni taħt l-età ta' 12-il sena u l-membri tal-familja tagħhom fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(5)(b).
6. L-applikanti soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru, mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 9 u 11.
7. Meta japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera, l-Istati Membri jistgħu jwettqu l-proċedura biex jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar

il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], mingħajr preġudizzju għall-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 11

8. Fejn il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera jkunu ssodisfati fl-Istat Membru li minnu l-applikant ikun rilokat, proċedura fuq il-fruntiera tista' tiġi applikata mill-Istat Membru li lejha l-applikant jiġi rilokat skont l-Artikolu [x] tar-Regolament UE (Nru) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], inkluż fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (d).
9. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw jew għandhom jieqfu japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera fi kwalunkwe stadju tal-proċedura fejn:
 - (a) l-awtorità determinanti tqis li r-raġunijiet għar-rifjut ta' applikazzjoni bħala inammissibbli jew għall-applikazzjoni tal-proċedura aċċelerata ta' eżami mhumiex applikabbli jew ma għandhomx applikabbli;
 - (b) l-appoġġ meħtieġ ma jistax jiġi pprovdut lill-applikanti bi bżonnijiet proċedurali speċjali fil-postijiet imsemmija fil-paragrafu 14;
 - (c) ikun hemm raġunijiet mediċi biex il-proċedura fuq il-fruntiera ma tiġix applikata;
 - (d) id-detenzjoni tintuża f'każijiet individwali u l-garanziji u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni kif previsti fl-Artikoli 8 sa 11 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] ma jiġux issodisfati jew ma jibqgħux jiġu ssodisfati u l-proċedura dwar il-fruntiera ma tistax tiġi applikata lill-applikant ikkonċernat mingħajr detenzjoni.

F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti għandha tawtorizza lill-applikant jidħol fit-territorju tal-Istat Membru.

10. B'deroga mill-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera għandhom jiġu ppreżentati mhux aktar tard minn ħamest ijiem mir-reġistrazzjoni għall-ewwel darba jew, wara rilokazzjoni skont l-Artikolu [x] tar-Regolament UE (Nru) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], ħamest ijiem minn meta l-applikant jasal fl-Istat Membru responsabbli wara trasferiment skont l-Artikolu 56(1), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament.
11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha tinkludi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u kwalunkwe deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha titlesta fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. Wara dak il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ħlief meta jkun applikabbli l-Artikolu 41a(1).

B'deroga mil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 34, 40(2) u 55, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-proċedura ta' eżami u tal-proċedura ta' appell li jiżguraw li, fil-każ ta' appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni fil-qafas tal-proċedura fuq il-fruntiera, id-deċiżjoni dwar tali appell tinħareġ fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata.
12. B'deroga mill-paragrafu 11 ta' dan l-Artikolu, l-applikant ma għandux ikun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru fejn:
 - (a) id-drift tal-applikant li jibqa' jkun ġie rrevokat skont l-Artikolu 9(3), il-punt (a);

- (b) l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa' f'konformità mal-Artikolu 54 u ma jkunx talab li jitħalla jibqa' għall-finijiet ta' proċedura ta' appell fil-limitu ta' żmien applikabbli;
- (c) l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa' f'konformità mal-Artikolu 54 u qorti jew tribunal ikunu ddeċidew li l-applikant ma għandux jitħalla jibqa' sakemm joħroġ ir-riżultat ta' proċedura ta' appell.

F'każijiet bħal dawn, fejn l-applikant kien soġġett għal deċiżjoni tar-ritorn maħruġa skont id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] jew ċaħda ta' dħul skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399, għandu japplika l-Artikolu 41a.

13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti għandhom jinżammu fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn *[xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]*, il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera, fil-fruntieri esterni, fil-prossimità tal-fruntiera esterna jew taż-żoni ta' tranżitu, inkluż meta jiġi applikat il-paragrafu 3 u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' daww il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni xahrejn qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ.
 14. F'sitwazzjonijiet fejn il-kapaċità tal-postijiet notifikati mill-Istati Membri skont il-paragrafu 14 tkun temporanjament insuffiċjenti biex tipproċessa l-applikanti koperti mill-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu postijiet oħra fit-territorju tal-Istat Membru u wara notifika lill-Kummissjoni jakkomodaw lill-applikanti hemmhekk, fuq bażi temporanja u għall-iqsar żmien meħtieġ.
- (16) Jiddaħħal l-Artikolu 41a ġdid li ġej:

“Artikolu 41a

Proċedura fuq il-fruntiera biex jitwettaq ir-ritorn

1. Ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat li l-applikazzjoni tagħhom tiġi miċħuda fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru.
2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinżammu għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il ġimgħa f'postijiet fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom; fejn Stat Membru ma jkunx jista' jakkomodahom f'dawn il-postijiet, jista' jirrikorri għall-użu ta' postijiet oħra fit-territorju tiegħu. Il-perjodu ta' 12-il ġimgħa għandu jibda minn meta l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhiex aktar dritt li tibqa' u ma titħallix tibqa'.
3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 3, l-Artikolu 4(1), l-Artikoli 5 sa 7, l-Artikolu 8(1) sa (5), l-Artikolu 9(2) sa (4), l-Artikoli 10 sa 13, l-Artikolu 15, l-Artikolu 17(1), l-Artikolu 18(2) sa (4) u l-Artikoli 19 sa 21 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva tar-Ritorn] għandhom japplikaw.
4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rritornati volontarjament fi kwalunkwe mument, jistgħu jingħataw perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbix 15-il jum.

5. Persuni msemija fil-paragrafu 1 li jkunu ġew detenuti waqt il-proċedura msemija fl-Artikolu 41 u li ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu jistgħu jibqgħu jinżammu f'detenzjoni bil-għan li jiġi evitat id-dħul fit-territorju tal-Istat Membru, li jkun qed iħejji r-ritorn jew iwettaq il-proċess tat-tneħħija.
 6. Persuni msemija fil-paragrafu 1 li ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu, u li ma kinux miżmuma matul il-proċedura msemija fl-Artikolu 41, jistgħu jinżammu f'detenzjoni jekk ikun hemm riskju li jaħarbu skont it-tifsira tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn], jekk jevitaw jew ifixklu t-tneħħija tar-ritorn jew il-proċess ta' tkeċċija jew jekk ikunu ta' riskju għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali.
 7. Id-detenzjoni għandha tkun għal perjodu kemm jista' jkun qasir u tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta. Il-perjodu ta' detenzjoni ma għandux jaqbeż il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 u għandu jiġi inkluż fil-perjodi massimi ta' detenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 15(5) u (6) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn].
 8. L-Istati Membri li, wara ċ-ċaħda ta' applikazzjoni fil-kuntest tal-proċedura msemija fl-Artikolu 41, joħroġu rifjut għad-dħul skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399, u li ddeċidew li ma japplikawx id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] f'każijiet bħal dawn skont l-Artikolu 2(2), il-punt (a), ta' dik id-Direttiva, għandhom jiżguraw li t-trattament u l-livell ta' protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat soġġetti għal rifjut ta' dħul ikunu skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] u jkunu ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-paragrafi 2, 4 u 7 ta' dan l-Artikolu.”
- (17) L-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:
- “(a) Il-punt (a) jiħassar.
- Il-punt (c) li ġej jiżdied mal-Artikolu 43:
- (c) l-ewwel applikazzjoni sussegwenti tkun ġiet ippreżentata fi żmien sena mid-deċiżjoni tal-awtorità determinanti dwar l-ewwel applikazzjoni sempliċiment sabiex l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn jiġi mdewwem jew jiġi skoraġġut li jwassal biex l-applikant jitneħħa b'mod imminenti mill-Istat Membru, sakemm tiġi ffinalizzata d-deċiżjoni li tiddikjara li l-applikazzjoni mhijiex ammissibbli f'każijiet fejn ikun ċar immedjatament lill-awtorità determinanti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4)”
- (18) L-Artikoli 53 u 54 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Artikolu 53

Id-dritt għal rimedju effettiv

1. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra:
 - (a) deċiżjoni li applikazzjoni tiġi rifjutata bħala inammissibbli;
 - (b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala bla bażi kemm fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni sussidjarja;
 - (c) deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni bħala li ġiet irtirata b'mod impliċitu;

- (d) deċiżjoni li tiġi rtirata l-protezzjoni internazzjonali;
- (e) deċiżjoni tar-ritorn.

Id-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom jiġu appellati quddiem l-istess qorti jew tribunal u fl-istess proċedimenti ġudizzjarji u fl-istess limiti ta' żmien bħad-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d).

2. Persuni rikonoxxuti bħala eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv kontra deċiżjoni li tqis li l-applikazzjoni tagħhom hija bla bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat. Fejn status ta' protezzjoni sussidjarja mogħti minn Stat Membru joffri l-istess drittijiet u benefiċċji bħall-istatus ta' rifuġjat taħt il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, l-appell kontra dik id-deċiżjoni f'dak l-Istat Membru jista' jitqies bħala inammissibbli fejn previst fil-liġi nazzjonali.
3. Rimedju effettiv skont it-tifsira tal-paragrafu 1 għandu jipprovdi għal eżami sħiħ u *ex nunc* kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tal-liġi, tal-inqas quddiem qorti jew tribunal ta' Prim'Istanza, inkluż, fejn applikabbli, eżami tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika].
4. L-applikanti għandhom jiġu pprovduti b'interpretazzjoni għall-finijiet ta' smiġh quddiem il-qorti jew tribunal kompetenti fejn tali smiġh iseħħ u fejn ma tkunx tista' tiġi żgurata komunikazzjoni xierqa b'mod ieħor.
5. Fejn il-qorti jew tribunal iqisu li jkun meħtieġ, għandhom jiżguraw it-traduzzjoni tad-dokumenti rilevanti li ma jkunux diġà ġew tradotti skont l-Artikolu 33(4). Inkella, it-traduzzjonijiet ta' daww id-dokumenti rilevanti jistgħu jiġu pprovduti minn entitajiet oħra u jitħallsu minn fondi pubbliċi skont il-liġi nazzjonali.
6. Jekk id-dokumenti ma jiġux ippreżentati fil-ħin lill-qorti jew lit-tribunal biex jiżguraw it-traduzzjoni tagħhom, il-qorti jew it-tribunal jistgħu jirrifjutaw li jikkunsidraw daww id-dokumenti jekk ma jkunux akkumpanjati minn traduzzjoni pprovduta mill-applikant.
7. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-limiti ta' żmien li ġejjin fil-liġi nazzjonali tagħhom għall-applikanti biex jippreżentaw appelli kontra d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1:
 - (a) mill-inqas ġimġha fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli, bħala rtirata impliċitament jew bħala bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) jew (5);
 - (b) bejn minimu ta' ġimagħtejn u massimu ta' xahrejn fil-każijiet l-oħrajn kollha.
8. Il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 7 għandhom jibdeu mid-data meta d-deċiżjoni tal-awtorità determinanti tiġi nnotifikata lill-applikant jew lir-rappreżentant jew lill-konsulent legali tiegħu jew tagħha. Il-proċedura għan-notifika għandha tiġi stabbilita fil-liġi nazzjonali.
9. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal livell wieħed biss ta' appell fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera.

Artikolu 54

Effett ta' sospensjoni ta' appell

1. L-effetti ta' deċiżjoni tar-ritorn għandhom jiġu sospiżi awtomatikament sakemm applikant ikollu d-dritt li jibqa' jew li jitħalla jibqa' f'konformità ma' dan l-Artikolu.
2. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien li fih jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal ta' prim'istanza u, fejn tali dritt ikun ġie eżerċitat fil-limitu ta' żmien, sal-eżitu tar-rimedju.
3. L-applikant ma għandux ikollu d-dritt li jibqa' skont il-paragrafu 2 meta l-awtorità kompetenti tkun ħadet waħda mid-deċiżjonijiet li ġejjin:
 - (a) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala bla bażi jew manifestament bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) u (5) [inkluż il-pajjiż ta' oriġini bla periklu] jew fil-każijiet soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera;
 - (b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a) [l-ewwel pajjiż tal-ażil] jew (c) [applikazzjonijiet sussegwenti mingħajr elementi ġodda];
 - (c) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala rtirata b'mod impliċitu;
 - (d) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni sussegwenti bħala bla bażi jew manifestament bla bażi;
 - (e) deċiżjoni ta' rtirar ta' protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 14(1), punti (b), (d) u (e), u l-Artikolu 20(1), punt (b), tar-Regolament Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika).
4. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 3, qorti jew tribunal għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu, wara eżami kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tal-liġi, jekk l-applikant għandux jitħalla jibqa' fit-territorju tal-Istati Membri jew le sakemm joħroġ ir-risultat tar-rimedju fuq talba tal-applikant. Il-qorti jew tribunal kompetenti jistgħu, skont il-liġi nazzjonali, ikollhom is-setgħa li jiddeċiedu fuq din il-kwistjoni *ex officio*.
5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) l-applikant għandu jkollu limitu ta' żmien ta' mill-inqas ħamest ijiem mid-data meta d-deċiżjoni tiġi nnotifikata lilu jew lilha biex jitlob li jitħalla jibqa' fit-territorju sakemm joħroġ ir-risultat tar-rimedju;
 - (b) l-applikant għandu jiġi pprovdut b'interpretazzjoni fil-każ ta' smiġh quddiem il-qorti jew tribunal kompetenti, fejn komunikazzjoni oħra xierqa ma tkunx tista' tiġi żgurata;
 - (c) l-applikant għandu jingħata, fuq talba, assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas skont l-Artikolu 15(4) u (5);
 - (d) l-applikant għandu jkollu d-dritt li jibqa':
 - (i) sakemm ikun skada l-limitu ta' żmien biex issir talba quddiem qorti jew tribunal biex jitħalla jibqa';
 - (ii) fejn l-applikant ikun talab li jitħalla jibqa' fil-limitu ta' żmien stabbilit, sakemm tittieħed id-deċiżjoni tal-qorti jew tat-tribunal dwar jekk l-applikant għandux jitħalla jibqa' fit-territorju jew le.
6. F'każijiet ta' applikazzjonijiet sussegwenti, b'deroga mill-paragrafu 6, il-punt (d) ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu fil-liġi nazzjonali li l-applikant ma

għandux ikollu d-dritt li jibqa', mingħajr preġudizzju għar-rispett tal-prinċipju ta' *non-refoulement*, jekk l-appell ikun sar biss sabiex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn li tirriżulta fit-tneħħija imminenti tal-applikant mill-Istat Membru, f'każijiet fejn ikun immedjatament ċar għall-qorti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4).

7. Applikant li jagħmel appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell jew kontra deċiżjoni ta' appell sussegwenti ma għandux ikollu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li qorti jew tribunal jippermettu lill-applikant jibqa', fuq talba tal-applikant jew b'att *ex officio* tagħhom."